Nru./No. 18,961
Prezz/Price
€4.68

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 31 ta' Awwissu, 2012
Friday, 31st August, 2012

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,607 - 10,618
Government Notices ..... *10,607 - 10,618*

Avviż lill-Baħħara ..... 10,618 - 10,619
Notice to Mariners ..... *10,618 - 10,619*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 10,619 - 10,656
Employment Opportunities ..... *10,619 - 10,656*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,656 - 10,666
Notices ..... *10,656 - 10,666*

Offerti ..... 10,666 - 10,699
Tenders ..... *10,666 - 10,699*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,700 - 10,706
Court Notices ..... *10,700 - 10,706*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 902

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-31 ta' Awwissu, 2012
(File No. A2461/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 463 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mix-Xlokk u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. J 20889.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2012_688 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-22 ta' Awwissu, 2012

Nru. 903

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-31 ta' Awwissu, 2012
(File No. A2623/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

GOVERNMENT NOTICES

No. 902

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

31st August, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Birżebbuġa:-

A plot of land of the area of about 463 square metres, bounded on the North, on the South East and the West by Government property and is registered in the Government records as tenement No. J 20889.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 2012_688 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd August, 2012

No. 903

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

31st August, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 234 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern u mix-Xlokk ma' sqaq pubbliku u hija rreġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. J 20888.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2012_689 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-22 ta' Awwissu, 2012

Nru. 904

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-31 ta' Awwissu, 2012
(File No. A4231/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 3,508 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. J 20887.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2012_687 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-22 ta' Awwissu, 2012

Description of the Land

The following land at Birżebbuġa:-

A plot of land of the area of about 234 square metres, bounded on the North and the North West by Government property and on the South East by a public alley and is registered in the Government records as tenement No. J 20888.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 2012_689 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd August, 2012

No. 904

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

31st August, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Birżebbuġa:-

A plot of land of the area of about 3,508 square metres, bounded on the North, on the West and on the East by Government property and is registered in the Government records as tenement No. J 20887.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 2012_687 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd August, 2012

Nru. 905

TERMINAZZJONI TA' KIRI TA' RABA'

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta, hija ppubblikata skont l-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Il-31 ta' Awwissu, 2012
(File No. A5005/97)

DIKJARAZZJONI TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Jien hawnhekk niddikjara illi l-art hawn taħt imsemmija, li hija proprjetà tal-Gvern, hija meħtieġa għal skop pubbliku skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-1967 dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba'.

Deskrizzjoni tal-Art

L-art li ġejja f'Birżebbuġa:-

Biċċa art tal-kejl ta' madwar 5,814 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana ma' sqaq pubbliku u mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u hija rreġistrata fir-*records* tal-Gvern bħala *tenement* Nru. J 20886.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata bil-kulur blu fuq il-pjanta P.D. 2012_686 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment tal-Artijiet, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff.) George Abela
President

It-22 ta' Awwissu, 2012

Nru. 906

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦALL-KONSERVAZZJONI

Artikolu 82 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp

L-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iddeċidiet li l-proprjetà li ġejja, jiġifieri:

Villa Mekrech flimkien mal-ġonna tagħha u strutturi anċillari fi Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 2 fi Triq Santa Marija u Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Għaxaq (ara l-pjanta

No. 905

TERMINATION OF AGRICULTURAL LEASE

THE following declaration, made by the President of Malta, is published in terms of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

31st August, 2012

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

I hereby declare that the undermentioned land, which is Government property, is required for a public purpose in accordance with the provisions of the Agricultural Leases (Reletting) Act, 1967.

Description of the Land

The following land at Birżebbuġa:-

A plot of land of the area of about 5,814 square metres, bounded on the North by a public alley and on the West and the East by Government property and is registered in the Government records as tenement No. J 20886.

The abovementioned land is shown marked in colour blue on plan P.D. 2012_686 which may be seen on demand at the Lands Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) George Abela
President

22nd August, 2012

No. 906

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

Section 82 of the Environment and Development Planning Act 2010

The Malta Environment and Planning Authority believes that the following properties, namely:

Villa Mekrech including its gardens and ancillary structures in Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 2 fi Triq Santa Marija and Triq il-Kunċizzjoni, Ħal Għaxaq (see site plan

f'paġna 10,611) huma ta' valur storiku, arkitettoniku u ta' valur fil-kuntest li jinstabu fih, hekk li għandhom jiġu inklużi fil-lista ta' Proprjetà Skedata, skont it-termini tal-Artikolu 81 tal-Att tal-2010 dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li l-proprjetà msemmija tinsab fil-periklu li jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox.

L-Awtorità qiegħda b'hekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni fir-rigward ta' dan is-sit imsemmi hawn fuq, skont Artikolu 82 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(i) Il-proprjetà, ġonna u strutturi anċillari għandhom jitqiesu bħala proprjetajiet skedati ta' Grad 2, skont il-*Policy UCO 7* tal-Pjan ta' Struttura minħabba l-valur storiku, arkitettoniku u għall-kuntest li jinstabu fih.

(ii) L-ebda tkissir, ħsara, żvilupp, irdim, ċaqliq ta' materjal, tneħħija ta' ġebel, skavi, jew alterazzjonijiet, inkluż ta' *fittings* u aperturi, ma jista' jsir fl-ebda parti tal-proprjetà msemmija li tinkludi il-proprjetà u l-madwar.

(iii) Kull użu fil-konfini tal-proprjetajiet imsemmija hawn fuq għandu jkollu permess validu maħruġ mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

(iv) Kull żvilupp, tibdil jew interventi oħra li jistgħu jsiru fuq il-proprjetajiet imsemmija, għandhom jiġu approvati minn qabel mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar b'konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien 6 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-proprjetà jiġrilha ħsara, tinbidel, titwaqqa' jew tinqered għal kollox bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' infurzar, kif imfissra f'Artikoli 81, 86, 87, 88 u 90 tal-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

on page 10,611) is of historical, architectural and contextual value such that it should be listed as a Scheduled Property in terms of Section 81 of the Environment and Development Planning Act 2010.

The Authority also believes that the property is in danger of being damaged, altered, demolished or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 82 of the Environment and Development Planning Act.

(i) The properties, gardens and ancillary features are to be considered as Grade 2 scheduled properties as per Structure Plan Policy UCO 7 by virtue of their historical, architectural, and contextual values.

(ii) The destruction, damage, development, dumping or movement of material, excavation, removal of stones, or alterations, including fittings and apertures, within any part of the said property and environments is prohibited.

(iii) All uses within the precinct of the aforementioned property are to be covered by a valid permit from the Malta Environment and Planning Authority.

(iv) All developments, alterations or interventions on this property, which might be permissible, must be approved in advance by the Malta Environment and Planning Authority in consultation with the Superintendence of Cultural Heritage.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the date of publication of this Order.

If the property is damaged, altered, demolished or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement as set out in Articles 81, 86, 87, 88 and 90 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

31st August, 2012



St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295

Malta Environment & Planning Authority

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords of Map :-
Min E56446, N67401
Max E56909, N67818

Title :-

Emergency Conservation Order Villa Mekrech, gardens & ancillary structures, Triq Santa Marija, Sqaq Nru. 2 fi Triq Santa Marija, and Triq il-Kunċizzjoni, Hal Ghaxaq

Ref No. :-

ECO Extent

Form No. :- MU004

Nru. 907

IL-BORD TAL-*PAROLE*

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516), il-Prim Ministru ħatar dawn il-membri fuq il-Bord tal-*Parole:*

Chairperson:
L-Imħallef Geoffrey Valenzia

Membri:
Lt Kur. Reuben Lanfranco Rtd.
Dott. Jacquline Azzopardi
Dott. Nicholas Vassallo MD
Dott. Anna Grech PhD
Is-Sur Leonard Grixti
Dott. Jeanette Ciantar LL.D.
Is-Sa Jeanette Cassar
Dott. Tony Vella

Dawn il-ħatriet daħlu fis-seħħ fit-22 ta' Awwissu 2012 għal perjodu ta' ħames snin.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

Nru. 908

OFFENDER ASSESSMENT BOARD

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516), il-Prim Ministru ħatar dawn il-membri fuq l-*Offender Assessment Board.*

Chairperson:
Is-Sinjura Roberta Zahra de Domenico, B.A. (Hons.), M. Psy.(Clin), Clinical Psychologist (MPPB Reg.) & Family Therapist (UKCP Reg.)

Membri:
Is-Sinjura Roberta Holland B.A. (Hons) M.Sc. CPsychol CSci (UK) R. Psy
Is-Sinjura Anna Maria Mangion
Dott. Moses Camilleri, M.D.; M.A.(Addictions)
Is-Sur Jesmond Friggieri

Dawn il-ħatriet daħlu fis-seħħ fit-22 ta' Awwissu 2012 għal perjodu ta' ħames snin.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 907

PAROLE BOARD

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by the Restorative Justice Act (Cap. 516), the Prime Minister has appointed the following members of The Parole Board:

Chairperson:
Judge Geoffrey Valenzia

Members:
Lt Col. Reuben Lanfranco Rtd.
Dr Jacquline Azzopardi
Dr Nicholas Vassallo MD
Dr Anna Grech PhD
Mr Leonard Grixti
Dr Jeanette Ciantar LL.D.
Ms Jeanette Cassar
Dr Tony Vella

These appointments came into force with effect from the 22nd August 2012 for a period of five years.

31st August, 2012

No. 908

OFFENDER ASSESSMENT BOARD

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by the Restorative Justice Act (Cap. 516), the Prime Minister has appointed the following members of the Offender Assessment Board.

Chairperson:
Ms Roberta Zahra de Domenico, B.A. (Hons.), M. Psy.(Clin), Clinical Psychologist (MPPB Reg.) & Family Therapist (UKCP Reg.)

Members:
Ms Roberta Holland B.A. (Hons) M.Sc. CPsychol CSci (UK) R. Psy
Ms Anna Maria Mangion
Dr Moses Camilleri, M.D.; M.A.(Addictions)
Mr Jesmond Friggieri

These appointments came into force with effect from the 22nd August 2012 for a period of five years.

31st August, 2012

Nru. 909

IL-BORD GĦAT-TNAQQIS MIS-SENTENZI

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi (Kap. 516), il-Prim Ministru ħatar dawn il-membri fuq il-Bord għat-Tnaqqis mis-Sentenzi:

Chairperson:
Is-Sur Louis Cilia

Membri:
L-Isp. Abraham Zammit, Direttur tal-Ħabs, ex officio
Is-Sinjura Joanna Battistino
Dott. Ingrid Young

Dawn il-ħatriet daħlu fis-seħħ fit-22 ta' Awwissu 2012.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 909

THE REMISSION BOARD

IT is hereby notified that in exercise of the powers conferred by the Restorative Justice Act (Cap. 516), the Prime Minister has appointed the following members of The Remission Board:

Chairperson:
Mr Louis Cilia

Members:
Insp. Abraham Zammit, Director of Prisons, ex officio
Ms Joanna Battistino
Dr Ingrid Young

These appointments came into force with effect from the 22nd August 2012.

31st August, 2012

Nru. 910

ATT DWAR IL-PRODUZZJONI TAL-*PETROLEUM* (KAP. 156)

ATT DWAR IL-BLATA KONTINENTALI (KAP. 194)

Għoti u Assenjazzjoni ta' Liċenza

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija skont l-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum* (Kap. 156) u l-Att dwar il-Blata Kontinentali (Kap. 194) u għall-għanijiet tal-Artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum* u tar-Regolament 6 tar-Regolamenti dwar il-Produzzjoni tal-*Petroleum*, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali b'din jgħarraf bl-għoti lil Malta Oil Pty Limited ta' Liċenza biex tfittex u tħaffer u tieħu *Petroleum* minn dawk l-arej u skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kif murija fil-*Production Sharing Contract* (PSC) iffirmat fit-18 ta' Lulju 2008 bejn il-Gvern ta' Malta u Malta Oil Pty Limited.

Il-Ministru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali javża wkoll bl-approvazzjoni ta' dawn l-assenjazzjonijiet ta' interessi u obbligi taħt il-PSC:

(i) Assenjazzjoni ta' 10% minn Malta Oil Pty Ltd lil Leni Gas and Oil Investments Limited b'seħħ mis-26 ta' Awwissu 2008; u

(ii) Assenjazzjoni ta' 90% minn Malta Oil Pty Ltd lil Phoenicia Energy Company Limited b'seħħ mis-17 ta' Novembru 2010; u

(iii) Assenjazzjoni ta' 10% minn Leni Gas and Oil Investments Limited lil Phoenicia Energy Company Limited b'seħħ mis-7 ta' Awwissu 2012.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 910

PETROLEUM (PRODUCTION) ACT (CAP. 156)

CONTINENTAL SHELF ACT (CAP. 194)

Grant and Assignment of Licence

BY virtue of the powers granted under the Petroleum (Production) Act (Cap. 156) and the Continental Shelf Act (Cap. 194) and for the purposes of Article 4(4) of the Petroleum (Production) Act and of Regulation 6 of the Petroleum (Production) Regulations, the Minister for Resources and Rural Affairs hereby notifies the grant to Malta Oil Pty Limited of a Licence to search and bore for and get Petroleum in such areas and under such terms and conditions as set out in the Production Sharing Contract (PSC) signed on the 18th July 2008 between the Government of Malta and Malta Oil Pty Limited.

The Minister for Resources and Rural Affairs also notifies that approval has been granted for the following assignment of interests and obligations under the PSC:

(i) A 10% assignment made by Malta Oil Pty Limited to Leni Gas and Oil Investments Limited effective from 26th August 2008; and

(ii) A 90% assignment made by Malta Oil Pty Limited to Phoenicia Energy Company Limited effective from 17th November 2010; and

(iii) A 10% assignment made by Leni Gas and Oil Investments Limited to Phoenicia Energy Company Limited effective from 7th August, 2012.

31st August, 2012

Nru. 911

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (KAP. 389)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 911

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT (CAP. 389)

THE Commissioner of Police, in terms of articles 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Pauline Galdes	262663 (M)	155, "Rudolph Mansions", Flat 3, Triq Rodolfu, Sliema

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Michael Barbara	643352 (M)	Flat 2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Blokk 1, Bieb B, Siġġiewi
Jeffrey Cauchi	521179 (M)	120, 'St. John', Flat 3, Triq Parades, San Pawl il-Baħar
Jacqueline Woods	4865 (M)	Flat 7, Triq tal-Balal, Binja Ġublew tal-Fidda, Entratura Ċ, San Ġwann
Paul Cassar	98660 (M)	'Peperina Court', Flat 4, Triq San Massimiljanu Kolbe, San Pawl il-Baħar
Isabelle Mizzi	219071 (M)	30, 'Coral Reef', Flat 1, Triq Sant' Elija, Xgħajra
Krasimir Georgiev Georgiev	77927 (A)	'Continental Apts', Flat 27, Triq San Lwiġi, Imsida
Salvatore D'Amato	634062 (M)	35, 'Kampanella', Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa
Emmanuel Pisani	57455 (M)	104, Triq San Lawrenz, Birgu.
Sandy Demicoli	502391 (M)	'Penny Lane', Triq Sebastjan Saliba, Għaxaq
Robert Zammit	50891 (M)	Flat 1, Triq l-Erba' Mwieżeb, Blokk A1, San Pawl il-Baħar
Carmela Farrugia	390763 (M)	260, Triq il-Kbira, Mosta.
Rita Cauchi	54363 (M)	72, Pjazza San Franġisk, Qormi
Zlatan Stoychev	57167 (A)	132, Flat 5, Triq il-Flotta, Gżira
Vincenza Borg	328960 (M)	76, 'Frank's', Flat 1, Triq il-Ġifen, San Pawl il-Baħar
Maria Dolores Scicluna	632959 (M)	8, Flat D, Triq l-Iskola, Ħamrun
Merton Camilleri	525488 (M)	20, Flat 4, Triq Wenzu Dyer, Birgu
Theresa Attard Flores	16183 (M)	12, Triq it-Tlieta u Għoxrin ta'April, Qormi
Christian Dalli	99388 (M)	85, 'St. Joseph', Triq il-Gudja, Għaxaq
Mario Riviera	24560 (M)	1, 'Dar in-Naxri', Triq il-Berquq, Naxxar
Francis Cutajar	235694 (M)	8, 'Wardija', Triq l-Insolja, Attard
John Persiano	684156 (M)	77, 'Johnvia', Triq it-Trinċetta. Mosta
Johnny Galea	36570	Flat 2, Triq id-Deheb Fin, Blokk 4, Qormi
Maria Rita Spiteri	119273 (M)	33, 'The Willows', Pjazza San Girgor, Ta' Kerċem, Għawdex
Irving Mercieca	21491 (G)	56, Triq il-Mitħna, Xagħra, Għawdex
Raisa Borg	372690 (M)	195, Triq Santa Katerina, Qormi
Tiziana Testa	17988 (M)	'Susan', Triq it-Torri, Birkirkara

Richard Fenech	39662 (M)	45, 'Miriam', Triq il-Kbira, Tarxien
Shannen Bonnici	113294 (M)	11, Flat 1, Misraħ l-Erbgħa ta' Settembru, Blokk 6, Isla
Alfred Ciantar	408578 (M)	33, Triq San Bartolomew, Qormi
Victor Debattista	699057 (M)	108, 'St. Joseph', Flat 2, Telgħet Gwardamanġa, Pietà
Joseph Cutajar	634051 (M)	3, 'Theresa', Triq id-Dukkar, Żabbar
Daniela Farrugia	234794 (M)	95, 'Josmar', Triq il-Qaqoċċ, Żabbar
Mignon Zammit	431278 (M)	Flat 7, Bini tal-Gvern, Unit Nru 1, Blokk G, Paola
William Gatt	170094 (M)	'Notre Nid', Triq Mannar, Xagħra, Għawdex
Roberto Mifsud	321078 (M)	64, Flat 6, Triq ix-Xitwa, Qormi.
Cornello Caruana	520088 (M)	20, 'Is-Sliem', Triq Bernardette, San Ġwann
Alfonso Micallef	529957 (M)	'Victoria', Flat 2, Triq is-Sagħtar, Mellieħa
Clint Scerri	196288 (M)	203, Triq ir-Repubblika, Valletta
Alfred Formosa	275057 (M)	22, 'Shoreside', Triq iċ-Ċern, Xgħajra
Nicholas Catania	35062 (M)	5, 'Dar il-Hena', Triq il-Profs. Nerik Vassallo, Siġġiewi.
Joseph Mary Vella	699256 (M)	'Richard', Triq tal-Qroqq, Msida
Clayton John Coleiro	366182 (M)	89B, Flat 2, Triq San Mikiel, Fgura
Josephine Vella	297764 (M)	109, 'Buvelsier', Triq Melqart, Marsaxlokk
Justin Paul Camilleri	17306 (L)	51, Triq Dun Pawl, Luqa
Wallace Karl Farrugia	253305 (L)	'Bartres Court', Flat 2, Triq il-Pirinej, Qrendi
Vincent Cutajar	259860 (M)	Flat 4, Triq il-Qalbiena, Binja 21 ta' Settembru, 1964, Entratura D, San Ġwann
Paul Azzopardi	29467 (G)	'Assumption', Triq Ta' Rinota, Munxar, Għawdex

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in article 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

31st August, 2012

Nru. 912

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR, QRATI U TRIBUNALI GĦAWDEX

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 912

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR, GOZO COURTS AND TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice, Dialogue and the Family has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joseph Sacco	Aġent Direttur/ Reġistratur Qrati u Tribunali Għawdex *Acting Director/ Registrar Gozo Courts and Tribunals*	Qorti tal-Ġustizzja (Għawdex) *Court of Justice (Gozo)*	29.08 –16.09.2012

Il-31 ta' Awwissu, 2012

31st August, 2012

Nru. 913

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

***Co-Option* ta' Membru tal-Kumitat Amministrattiv Paceville**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd, skont artikolu 8(4B) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, illi Clayton Tanti Gregoraci ġie *co-opted* membru tal-Kumitat Amministrattiv Paceville fid-9 ta' Lulju 2012.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 913

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)

Co-Option of a Member of the Paceville Administrative Committee

IT is hereby notified for general information, in terms of article 8(4B) of the Local Councils Act, that Clayton Tanti Gregoraci was co-opted as a member of Paceville Administrative Committee on the 9th July 2012.

31st August, 2012

Nru. 914

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI (KAP. 363)

***Co-option* ta' Membru tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija**

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, skont l-Artikolu 8 (4B) tal-Att dwar Kunsilli Lokali, Massimo Scerri ġie *co-opted* membru tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija fit-18 ta' Mejju 2012.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 914

LOCAL COUNCILS ACT (CAP. 363)

Co-option of a Member of the Ħal Lija Local Council

IT is hereby notified for general information that in terms of Article 8 (4B) of the Local Councils Act, Massimo Scerri was co-opted as a member of the Ħal Lija Local Council on the 18th May, 2012.

31st August, 2012

Nru. 915

AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV TAL-KUNSILL LOKALI

NGĦARRFU b'din għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-persuna msemmija hawn taħt inħatret Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak il-Kunsill Lokali b'seħħ mis-27 ta' Awwissu 2012:

Kunsill Lokali	*Aġent Segretarju Eżekuttiv*
L-Imsida	Arthur Perici

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 915

LOCAL COUNCIL ACTING EXECUTIVE SECRETARY

IT is hereby notified for general information that the following person has been appointed Acting Executive Secretary of that Local Council with effect from the 27th August 2012:

Local Council	*Acting Executive Secretary*
L-Imsida	Arthur Perici

31st August, 2012

Nru. 916

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
31. 08. 2012	€43.024	€0.817

Il-31 ta' Awwissu, 2012

No. 916

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT

(CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
31. 08. 2012	€43.024	€0.817

31st August, 2012

Nru. 917

MINISTERU TAL-FINANZI, EKONOMIJA U INVESTIMENT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bir-regolament 13 (1) (b) tat-Tlettax-il Skeda (Riċevuti Fiskali) tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, 1998, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jgħarraf illi t-tip ta' sistemi fiskali u *register* fiskali skont kif jihdru hawn taħt ġew approvati:-

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
QUORION	QMP 2264	Alfa Company Ltd Cannon Road St Venera

No. 917

MINISTRY OF FINANCE, ECONOMY AND INVESTMENT

IN exercise of the powers conferred by regulation 13 (1) (b) of the Thirteenth Schedule (Fiscal Receipts) of the Value Added Tax, 1998, the Commissioner of Value Added Tax hereby notifies that the following fiscal systems and fiscal register have been approved:-

Marka *Brand*	Mudell *Model*	Bejjiegħ *Supplier*
QUORION	QMP 2044	Alfa Company Ltd Cannon Road St Venera
UNISYSTEMS LTD	MINI 500	Caravel Ltd 34, Turu Rizzo Street Gżira

Il-31 ta' Awwissu, 2012

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 69 tal-2012

Ir-Regatta tat-8 ta' Settembru, 2012
fil-Port il-Kbir tal-Belt Valletta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-*Yatching*, Transport Malta, jgħarraf illi r-Regatta tat-8 ta' Settembru 2012 se ssir fil-Port il-Kbir. Se jitqiegħdu mażżri u żubruni kif ġej:

1. Il-Ġimgħa, 7 ta' Settembru 2012, se jitqiegħdu tliet (3) mażżri biż-żubruni 3 fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

	Latitude (T)	*Longitude (L)*
(i)	35°53'.573	14°30'.952
(ii)	35°53'.490	14°30'.824
(iii)	35°53'.443	14°30'.750

2. Is-Sibt, 8 ta' Settembru 2012 mit-8.00 a.m., se jitqiegħdu *wire ropes* biż-żubruni fil-pożizzjonijiet li ġejjin:

a. minn żubrun (i) 'l hinn mill-ponta ta' Sant' Anġlu sa żubrun (ii) ħdejn il-Ponta tal-Isla.

b. minn żubrun (ii) ħdejn il-ponta tal-Isla sa punt (iii) il-Ponta tal-Isla quddiem id-Daħla tal-Franċiżi;

c. minn żubrun (i) sa punt ix-xatt taħt is-Sur ta' Lascaris, pożizzjoni:-

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°53'.74	14°30'.85

d. minn bejn wieħed u ieħor il-kantuniera ta' Ras Ħanżir II (*bollard* 12) sa *bollard* 22 fid-Deep Water Quay.

3. Il-*wire ropes* u ż-żubruni se jitneħħew wara li tispiċċa r-Regatta għall-ħabta tas-7.30 p.m. fit-8 ta' Settembru, 2012.

31st August, 2012

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 69 of 2012

8th September Regatta in
Valletta Grand Harbour

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that the 8th September 2012 Regatta will be held in Grand Harbour. Sinkers and marker buoys will be laid as follows:

1. On Friday, 7th September 2012, three (3) sinkers with marker buoys will be laid in the following positions:

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i)	35°53'.573	14°30'.952
(ii)	35°53'.490	14°30'.824
(iii)	35°53'.443	14°30'.750

2. On Saturday 8th September 2012 as from 8.00 a.m., wire ropes with floats will be laid in the following positions:

a. from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point.

b. from buoy (ii) near Senglea Point to point (iii) Senglea Point opposite the entrance to French Creek;

c. from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:-

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°53'.74	14°30'.85

d. from approximately the South West corner at Ras Hanzir II (bollard 12) to bollard 22 at Deep Water Quay.

3. The wire ropes and floats will be removed on the completion of the Regatta at approximately 7.30 p.m. on the 8th September 2012.

4. Il-mażżri u ż-żubruni msemmija f'1 hawn fuq jitneħħew fl-10 ta' Settembru, 2012.

Ngħarrfu lis-sidien tal-bastimenti u l-inġenji tal-baħar kollha li fit-8 ta' Settembru 2912 bejn id-9.00 a.m. u s-7.30 p.m., bastimenti li jkunu deħlin ma jitħallewx ikompli biex jirmiġġaw fl-ebda parti mil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris u l-Arblu tal-Forti Sant' Anġlu. Inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx ikomplu aktar 'l hinn mil-linja tat-tluq muri fi (2d) wara d-9.00 a.m. L-ebda bastiment ma jitħalla qrib il-linja tal-wasla għajr dawk involuti fit-tlielaq. L-ebda bastiment ma jista' jiċċaqlaq fil-Port il-Kbir, għajr dawk li jkollhom permess speċjali

Is-sidien tal-bastimenti u l-inġenji kollha huwa mwissija li l-*wire ropes* u ż-żubruni jistgħu jkunu ta' xkiel u minħabba f'hekk għandhom ibaħħru b'kawtela. Għandhom ibaħħru b'kawtela wkoll meta jkunu qrib dawn il-*wire ropes* u żubruni meta dawn ikunu qed jitqiegħdu jew jitneħħew. Il-baħħara huma ordnati biex jobdu l-ordnijiet kollha li jingħataw mill-Pulizija u l-Forzi Armati ta' Malta li jkunu jgħassu l-inħawi u mill-Valletta VTS (Valletta Port Control).

Chart affettwata: BA 177

Il-31 ta' Awwissu, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fil-Pożizzjoni ta' *Research Officer (Legal)* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Skont Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Officer* (Legal) fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Research Officer* ikun/tkun residenti fi Brussel fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u jkun/tkun responsabbli għal oqsma ta' interess partikolari fil-fora tal-Unjoni Ewropea.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol fi Ftehim ta' sitta u tletin xahar bħala *Research Officer*. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Research Officer* matul il-perjodu tal-Ftehim, il-Ftehim jintemm. Din il-pożizzjoni taqa' taħt ir-Regolament 3(b)(4)(b)(ii) tal-Avviż Legali Nru. 239/2008, li emenda Avviz Legali Nru. 51/2007 u li jikkonċerna ingaġġ temporanju f'pożizzjoni ta' fiduċja għal perjodu definit.

2.2 L-applikazzjonijiet m'għand Uffiċjali Pubbliċi/ impjegati tas-settur pubbliku jridu jiġu mgħoddija

4. The sinkers and marker buoys mentioned in 1 above will then be removed on 10th September 2012.

Masters of all vessels and sea craft are notified that on the 8th September 2012 between 9.00 a.m. and about 7.30 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Small craft in "The Marsa" will not be allowed to proceed beyond the starting line indicated in (2d) above after 9.00 a.m. No vessel will be allowed near the finishing line except those involved in the races. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission.

Masters of all vessels and craft are also warned that the wire ropes and floats may cause a physical obstruction and consequently they are to navigate with caution. Caution is also to be exercised when in the vicinity of such wire ropes and floats when these are being laid or removed. Mariners are instructed to obey any instructions issued by the Police and Armed Forces of Malta patrolling the area and by Valletta VTS (Valletta Port Control).

Chart affected: BA 177

31st August, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement in the Position of Research Officer (Legal) at the Permanent Representation of Malta to the European Union

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications for the position of Research Officer (Legal) within the Ministry of Foreign Affairs. The Officer appointed to the position of Research Officer will be stationed in Brussels within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible to provide assistance to the Technical Attaches as and whenever necessary.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month Agreement as Research Officer. Unsatisfactory performance as Research Officer during the Agreement period will lead to termination of the Agreement. Moreover this is an Agreement covered by Regulation 3(b)(4)(b)(ii) of LN 239/2008, amending LN 51/2007 concerning temporary employment on a position of trust basis for a definite period.

2.2 Applications from Public Officers/public sector employees must be invariably submitted through their

mill-Uffiċċju tal-Kap tad-Dipartiment/tal-Entità għal informazzjoni tagħhom biss. Madankollu l-impjegati fis-settur pubbliku jridu jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa rigward il-*leave* bla ħlas għal matul il-perjodu tal-ingaġġ qabel ma' jiġi ffirmat il-Ftehim.

2.3 Jekk il-persuna magħżula jkollha grad sustantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku Malti/Settur Pubbliku, hija żżomm il-grad sustantiv/status indefinit tagħha waqt il-perjodu tal-Ftehim u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv/status indefinit meta l-Ftehim jintemm.

2.4 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku li ma jkollhiex grad sustantiv/status indefinit fis-Servizz Pubbliku Malti/Settur Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jieqaf f'każ li l-Ftehim jintemm.

2.5 Jekk il-persuna magħżula matul il-perjodu tal-Ftehim, tinħatar fi grad mhux fl-istess qasam ta' xogħol bi skala ta' salarju ogħla minn dak stabbilit fil-Ftehim, jew b'xi mod ieħor tinħatar fi grad ogħla minn skala 9, hija trid ittemm il-Ftehim bħala *Research Officer* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

2.6 Jekk il-persuna magħżula matul il-perjodu tal-Ftehim, tinħatar, mhux permezz ta' *progression* jew promozzjoni fl-istess qasam ta' xogħol (jiġifieri permezz ta' Sejħa għall-Applikazzjonijiet u speċifikament teskludi kull pożizzjoni kuntrattwali relatata ma' *performance*) fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn dak stabbilit fil-Ftehim, hija trid ittemm il-Ftehim bħala *Research Officer* u tkun trasferita għad-dmirijiet relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Research Officer* jkun il-massimu ta' skala ta' salarju 9 tal-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (€19,678 fl-2012). Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċjal Pubbliku fil-grad ta' Second Secretary fil-qasam tad-Diplomazija.

3.2 Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet tal-1937 (fejn applikabbli), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. L-ingaġġ bħala *Research Officer* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Research Officer* hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi I.

Head of Department/Entity for information purposes only. However public sector employees must make their own arrangements with regards to the granting of unpaid leave for the duration of the Agreement before signing the relevant Agreement.

2.3 If the selected candidate holds a substantive grade /indefinite status in the Malta Public Service /Public Sector, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the Agreement period and will revert to his/her substantive grade /indefinite status on termination.

2.4 In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service/Public Sector, his/her service with Government will be discontinued in the event that this Agreement period is terminated.

2.5 If the selected candidate is, during the Agreement period, appointed to a grade not in the same stream with a Salary Scale higher than that established in the Agreement, or otherwise appointed to a grade higher than scale 9, he/she will have to terminate the Agreement of Research Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

2.6 If, during the term of this Agreement, the Research Officer is appointed, other than by progression or promotion in the same stream (that is, through a Call for Applications and specifically excluding all positions which have a performance related contract), to a grade with a salary scale higher than that established in the Agreement, he/she will have to terminate the Agreement of Research Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1 The salary attached to the position of Research Officer is the maximum point of salary scale 9 of the Public Service salary scales (€19,678 in 2012). In addition, the selected person will receive the same compensation package by way of benefits and allowances paid to a Public Officer in the Diplomatic Grade of Second Secretary.

3.2 Where applicable, for the purpose of the 1937 Pensions Ordinance, the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

4. The engagement as Research Officer is on a full-time basis and the selected person will be resident in Brussels.

A detailed job description of the position of Research Officer is attached as Appendix I to this call.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikollhom dottorat fil-Liġi u *warrant* biex jipprattikaw il-professjoni legali;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar kmieni minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

6. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħzula tkun mistennija li tidħol fi Ftehim bħala *Research Officer* u tintrabat bil-kundizzjonijiet stipulati.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Il-Bord tal-Għażla jgħarbel il-kompetenza, l-kapaċitajiet, l-esperjenza, il-karatteristiċi personali ta' kull kandidat u l-potenzjal li għandu sabiex jaqdi d-dmirijiet marbuta ma' din il-pozizzjoni ta' *Research Officer*.

8.3 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat tal-intervisti. Kopji tar-riżultat jiġu

5. Applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) have an adequate level of expertise and are thus qualified to advise on the specialised areas advertised in this call;

(iii) be in possession of a degree in law and a warrant to practice law;

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Police Certificate of conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7. On engagement, the selected applicant will be required to enter into an Agreement as Research Officer and will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The Selection Board will assess the candidates' knowledge, skills, experience, personal attributes and overall potential for assuming the responsibilities attached to the position of Research Officer.

8.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice

esebiti fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, il-Belt Valletta, ikkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn ikun hemm il-pożizzjoni battala. L-oġġezzjonijiet għandom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tar-riżultat permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry of Foreign Affairs. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lid-dipartiment/direttorat fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lill-applikant/a biex jipproduċi/tipproduċi dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, l-applikant/a jingħata/tingħata xahar ċans sabiex jipproduċi/tipproduċi d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. ll-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.mfa.gov.mt/forms.html#employment

jew jinkisbu mill-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' fax/email jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012, jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin, Palazzo Parisio, Triq il-Merkanti, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Ministeru tal-Affarijiet Barranin huwa + 356 2123 6604.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal għand is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Segretarju Permanent fil-Ministeru tal-Affarijiet Barranin jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf
http://www.mfa.gov.mt/forms.html#employment

or obtained from the Ministry of Foreign Affairs.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, are to be submitted directly to the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, Palazzo Parisio, Merchants Street, Valletta by not later than noon of Friday, 28th September 2012.

13. Applications received from abroad through a fax/email or other similar message by noon of Friday, 28th September 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs, not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The Fax number of Ministry of Foreign Affairs - is + 356 2123 6604.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Permanent Secretary of the Ministry of Foreign Affairs within seven (7) days.

31st August, 2012

Appendix I

POSITION DESCRIPTION

Position Title: **Research Officer (Legal)**

Ministry: **Ministry of Foreign Affairs**

Responsible To: **Permanent Representative of Malta to the European Union**

Permanent Secretary, Ministry of Foreign Affairs

Overall Purpose of Position

Representation of Malta in Council working groups and other EU fora dealing with Public Affairs and Legal; supporting the Attaché within the Public Affairs and Legal Unit in the assigned areas of focus; liaising with the Ministry in respect of matters arising from such fora.

Main Responsibilities

1. Keeping track of developments relevant to one's areas of focus, collecting and scrutinising relevant documentation issued by EU Institutions, and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative, the Permanent Secretary and other officials as necessary;

2. Alerting the Permanent Representative, the Permanent Secretary and the Director responsible for EU Affairs in the Ministry to issues requiring a response from the Ministry or other line Ministries, and providing advice and input in the development of a Maltese position on such issues;

3. Representing the Ministry in Council working groups and other EU fora dealing with one's areas of focus, putting forward Malta's position and participating in discussions in accordance with the brief provided by the Ministry;

4. Communicating developments to the Permanent Representative, the Permanent Secretary and the Director responsible for EU Affairs and advising on follow-up action to be taken, duly informing other officials in the Malta Mission in Brussels, the EU Secretariat at OPM, the Ministry of Foreign Affairs and other authorities as appropriate;

5. Supporting the Technical Attaché as necessary.

6. Carrying out other work assigned by the Permanent Representative, including covering for Technical Attachés.

Working Conditions

May be required to work beyond regular office hours to meet deadlines or to attend meetings.

Knowledge/Skills/Qualifications

Knowledge of the business of the Ministry and preferably experience in handling related issues

Be in possession of a degree in law and a warrant to practice law

A high level of written and oral communication skills combined with tact and diplomacy

A flexible disposition to work and the ability to work in a team

Ability to work reliably under pressure and prioritize competing demands

Attention to detail and a concern for the maintenance of high standards in one's work

Appendix II

C R I T E R I A

	Maximum Marks
Knowledge	**30**
Knowledge of the business of the Ministry Relevant qualifications Familiarity with EU institutions, particularly the Council	
Skills	**30**
Ability to assimilate complex information and to rapidly identify key issues Communication skills (particularly in writing)	

	Maximum Marks
Experience	**30**
Experience and track record in handling issues related to the Ministry's work Experience and track record in advisory and policy development work	
Personal attributes	**10**
Commitment and initiative Ability to work in a team Tact and diplomacy	

Maximum	**100**
Minimum	**60**

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Project Officer* fil-Ministeru tal-Intern in Konnessjoni mal-Implimentazzjoni tal-Proġett *eXS4ALL*

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Officer* fil-Ministeru tal-Intern in konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-proġett eXS4All li huwa ko-finanzjat mill-Fond Ewropew tal-Iżvilupp Reġjonali (2007-2013).

2.1 Il-persuna magħżula tidhol f'*assignment* sal-31 ta' Diċembru 2013, jew sakemm jiġu eżawriti l-fondi, skont liema jiġi l-ewwel, bħala *Project Officer* mal-Ministeru tal-Intern in konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-proġett eXS4All. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Officer* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' proġett speċifiku għal perjodu ta' żmien, il-pożizzjoni ta' *Project Officer* mal-Ministeru tal-Intern in konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-proġett eXS4All taqa' taħt Regolament 7(4) (ċ) tal-Avviż Legali 51/2007 kif sostitut bir-Regolament 3(b)(4) tal-Avviż Legali 239/2008.

2.3 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mal-Ministeru tal-Intern kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Project Officer at the Ministry for Home Affairs in Relation to the Implementation of the eXS4ALL Project

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications for the position of Project Officer within the Ministry for Home Affairs in relation to the implementation of the eXS4ALL Project, which is part financed by the European Regional and Development Fund 2007-2013.

2.1 The selected candidate will enter into an assignment up to 31st December 2013, or until project funds are exhausted, whichever is the earlier, as Project Officer within the Ministry for Home Affairs in relation to the implementation of the eXS4ALL Project. Unsatisfactory performance as Project Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.2 Since this position is time-barred or linked to the completion of a specific task, such constitutes an objective reason in terms of Regulation 7(4) (c) of Legal Notice 51/2007 as substituted by Regulation 3(b)(4) of Legal Notice 239/2008.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Home Affairs as well as with the Malta Public Service, will be discontinued in case of termination of assignment.

2.4. Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment,* tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 9, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Project Officer* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar minn 9 permezz ta' *progression,* il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Project Officer* in konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-proġett eXS4All huwa ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 9 (li bħalissa huwa ta' €19,678 fis-sena).

3.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

4. Id-dmirijiet ewlenin ta' persuna fil-ħatra ta' *Project Officer* fil-Ministeru tal-Intern in konnessjoni mal-implimentazzjoni tal-proġett eXS4All jinkludu li:

a) Tikkordina l-implimentazzjoni tal-proġett bl-iskop li x-xogħol iseħħ skont il-pjan miftiehem mal-*Managing Authority;*

b) Tgħin fl-allokazzjoni taż-żmien, ir-riżorsi u estimi finanzjari għal attivitajiet assenjati billi tuża l-għodda stabbilita tal-*project management* u tgħin sabiex il-proġett ikun mitmum fil-ħin u fl-estimi finanzjari stabbiliti;

ċ) Iżżomm il-karti relatati mal-proġett skont il-Proċeduri stabbiliti fil-*Manual of Procedures;*

d) Tippjana flimkien mal-aġenzija tar-riklamar magħżula biex jiġi varat l-pjan ta' disseminazzjoni tal-proġett;

e) Tikteb artikli, tippreżenta u tipparteċipa fuq il-mezzi tax-xandir għan-nom tal-*Project Leader* u tagħmel xogħol ieħor relatat mal-aspett tar-relazzjonijiet pubbliċi tal-proġett kif meħtieġ u meta mitlub;

f) Tieħu ħsieb tfassal id-dokumentazzjoni u l-komunikazzjoni relatata mal-proġett;

g) Tikkordina mal-entitajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-proġett li jinkludi Dipartiment għall-Ippjanar u Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet u l-kuntratturi (PPCD);

h) Tieħu ħsieb il-preparazzjoni tal-laqgħat u avvenimenti oħra konnessi mal-proġett;

2.4 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service and, during the assignment period is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 9, he/she will be required to relinquish the duties of Project Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than the maximum of Scale 9 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 The salary attached to the position of Project Officer within the Ministry of Home Affairs in relation to the implementation of the eXS4ALL Project is equivalent to the maximum point of Salary Scale 9 (currently €19,678 per annum).

3.2 If a selected candidate is a public officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

4. The main duties of the Project Officer within the Ministry for Home Affairs in relation to the implementation of the eXS4ALL Project shall include the following:

a) Overseeing the implementation of project plan for project/s assigned, ensuring that the project/s follow/s the Programme of Works agreed with the Managing Authority;

b) Taking responsibility for the day-to-day activities of a project ensuring that the project/s are delivered on time, within budget and that project management standards, quality and security certification are attained and maintained;

c) Maintaining a filing system as per Manual of Procedures and handle filing;

d) Overseeing plans for publicity and coordinates publicity with the Advertising Agency that will be selected;

e) Drafting articles, speaking notes and presentations; participates in television and radio programmes with the Project Leader, and actively carries out any other duties related to the public relations aspect of the project as may be necessary and whenever requested;

f) Carrying out all the written documentation and any communication related to the project;

g) Liaising with all parties involved in the implementation of the projects including the PPCD and successful bidders;

h) Ensuring the effective preparation and delivery of all project events and meetings and production of all necessary documentation;

i) Tieħu ħsieb l-immaniġġar tal-kuntratt assenjat lilha billi fuq kollox tkun:

responsabbli tal-proċess tal-*handing over;* tara illi l-kuntrattur jimxi skont il-kuntratt u l-*grant agreement* bejn il-Ministeru u l-*PPCD;*

tinnegozzja mal-kuntrattur rigward tbiddil propost fis-sistemi tal-IT li qegħdin jiġu żviluppati mill-kuntratt relatat;

j) Tagħmel kuntatti lokali u internazzjonali fis-settur tal-ICT kemm fis-settur pubbliku u dak privat u żżomm partnerships strateġii kif stabbiliti mill-Gvern;

k) Tkompli tiżviluppa l-ħiliet tiegħu/tagħha personali biex dejjem tkun aktar intiż fuq l-aħħar żviluppi li jseħħu fis-settur; u

l) Tagħmel xogħol ieħor relatat mal-proġett kif mitlub mill-*Project Leader* jew Segretarju Permanenti – MHA; u

m) Taqdi dmirijiet oħrajn skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku kif dirett mis-Segretarju Permanenti Prinċipali.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "*Status* ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-

i) Handling the contract management of the awarded tenders in particular by:

taking responsibility for the organisation/process of handing over and release of contract closure and eventual handing over to the beneficiary;

ensuring the deliverables are in line with the contract and any related amendments as well as with the grant agreement between the Managing Authority and the Ministry;

j) Establishing appropriate contacts and networks with local and international public and private sectors and maintains strategic partnerships as established by Government;

k) Continuously updating his/her expertise by following local and international developments in related fields;

l) Conducting any other duties related to the project as assigned by Project Leader and/or the Permanent Secretary-MHA; and

m) Any other duties according to the exigencies of the Public Service, as directed by the Principal Permanent Secretary.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been

membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriate* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tal-provvedimenti msemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *first degree* rikonoxxuta, f'Livell 6 tal-MQF, fl-*Information and Communication Technology* jew fil-*Management,* jew kwalifika xierqa, rikonoxxuta u komparabbli, flimkien ma' sena esperjenza ta' xogħol relevanti;

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk l-applikanti li li, minbarra r-rekwiżiti mitluba f'paragrafu 5.1, għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti ppruvata.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn bdil raġonevoli skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession, of a recognized first degree, at MQF Level 6, in Information and Communication Technology or Management, or an appropriate, recognized, comparable qualification, and have one year relevant work experience;

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); those applying from outside the Malta Public Service must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications, and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the eligibility requisites outlined in paragraph 5.1, have relevant proven work experience.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position, provided they can carry out, in essence, the duties related to the position, and subject to the concurrence of the Public Administration Human Resources Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċeratat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the position.

7.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Il-Belt Valletta.

7.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Home Affairs, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, b'kopja mibgħuta lil-Kap tad-Dipartiment relatat mal-vakanza eżistenti. L-oġġezzjonijiet għandhom jintbagħtu lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u lill-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication of the notice of the issue of the result.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy

kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mir-Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta.

11.1 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Ġenerali (Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet), Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Il-Belt Valletta, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru 2012.

11.2 Skont ir-*Retention Policy* ta' dokumenti li għandhom x'jaqsmu mar-riżorsi umani fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, applikazzjoni ta' applikant/a maħtur/a fil-pożizzjoni marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet tibqa' tinżamm sakemm il-persuna tagħlaq 75 sena. Il-bqija tal-applikazzjoinijet jibqgħu jinżammu għall-perjodu mitlub mir-regolamenti tal-programm tal-Unjoni Ewropea li għalihom qiegħda tinħareġ din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-

of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Land and Public Registry, Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta.

11.1 Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director General (Land and Public Registry), Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta, by not later than noon (Central European Time) on Friday, 28th September 2012.

11.2 In accordance with the Retention Policy of HR Documents in the Malta Public Service, the application for this position shall be retained until age 75 in the case of the appointed person. All other applications will be retained for the period stipulated in the regulations governing the EU programme for which this call is issued.

12. Applications received from abroad through email, fax, or other similar message by noon (Central European Time) on Friday, 28th September 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal

dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur Ġenerali (Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet) mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa: (land.registry@gov.mt) filwaqt li n-numru tal-*fax* huwa: +356 2220 9798.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sad- Direttur Ġenerali (Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet).

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur Ġenerali (Reġistru Pubbliku u tal-Artijiet) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

application duly signed by the applicant must reach the Director General (Land and Public Registry), Casa Bolino, 116, Triq il-Punent, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is: (land.registry@gov.mt) whereas the fax number is: + 356 2220 9798.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director General (Land and Public Registry) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director General (Land and Public Registry) within seven (7) days.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

31st August, 2012

Programm Operattiv I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Sejħa parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali

Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Call part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

Investing in your future

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' Uffiċjal Edukattiv fid-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE)

Skont Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand edukaturi kwalifikati u kompetenti li huma kapaċi jwettqu d-dmirijiet ta' Uffiċjal Edukattiv fi ħdan id-Direttorat għall-Kwalità u *Standards* fl-Edukazzjoni (DKSE).

2. Il-funzjonijiet tad-DKSE huma stabbiliti permezz tal-Att dwar l-Edukazzjoni (kif emendat b'Att XIII tal-2006) li jista' jkun ikkonsultat fuq is-sit elettroniku: (www.education.gov.mt/education_act.aspx).

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Education Officer in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and competent educators capable of performing the duties of an Education Officer (EO) in the Directorate for Quality and Standards in Education (DQSE).

2. The functions of the DQSE are established by the Education Act (as amended by Act XIII of 2006) which may be consulted on: (www.education.gov.mt/education_act.aspx).

3. Il-missjoni tad-DKSE hi li jirregola, jistabbilixxi, jgħasses u jassigura l-i*standards* u l-kwalità fil-programmi u s-servizzi edukattivi fil-livell obbligatorju tal-edukazzjoni pprovdut mill-iskejjel tal-istat u oħrajn mhux tal-istat.

4. Id-DKSE jitmexxa minn Direttur Ġenerali li, bl-assistenza ta' żewġ Diretturi u numru ta' Assistenti Diretturi, u Uffiċjali Edukattivi, huwa responsabbli għall-funzjoni ta' dan id-Direttorat kif ipprovdut bl-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327) u li jinkludi wkoll it-tmexxija tal-kurrikulum u *e-learning*, it-teknoloġija tal-informazzjoni fl-edukazzjoni, l-iżvilupp professjonali, l-assigurazzjoni tal-kwalità, l-assessjar u l-eżamijiet.

5. Id-DKSE jipprovdi servizzi professjonali ta' sostenn, gwida, monitoraġġ, spezzjoni, evalwazzjoni u rappurtaġġ dwar il-proċess tat-tagħlim fl-iskejjel, dwar l-iżvilupp u l-implementazzjoni tal-kurrikulum, tas-sillabi, tal-pedagoġija, tar-riżorsi, dwar il-modi neċessarji tal-assessjar u fuq l-amministrazzjoni, dwar l-implimentazzjoni ta' *standards* u programmi ta' assigurazzjoni tal-kwalità u awditjar fil-Kulleġġi u fl-iskejjel.

6. Taħt id-direzzjoni tas-superjuri tagħhom, l-Uffiċjali Edukattivi jkollhom il-poter u r-responsabbiltà tat-twettiq tal-funzjonijiet tad-DKSE.

7. Il-persuna magħżula ser twettaq dmirijiet fi ħdan id-DKSE f'wieħed mill-oqsma speċjalizzati:

Għarbi
Arti
Business Studies
Kimika
Computer Studies
Drama
Ingliz
eLearning
Edukazzjoni Inklussiva (Deployment)
Matematika
Quality Assurance
Spanjol

Il-persuna magħżula tista' tingħata dmirijiet fis-settur primarju u/jew f'dak sekondarju.

8. Id-dmirijiet tal-persuna magħżula jkunu dawk assenjati mid-Diretturi Ġenerali u jkunu jinkludu li:

Ikun żgurat li l-*policies* u l-provvedimenti stipulati fl-Att dwar l-Edukazzjoni, kif ukoll *policies* u provvedimenti oħra tad-Direttorati jitħarsu, kemm mis-Settur Statali kif ukoll minn dak mhux Statali;

Jingħata parir, għajnuna, sostenn u monitoraġġ fl-iżvilupp tal-kurrikulu, it-tmexxija, l-*e-learning* u l-iżvilupp ta'

3. The mission of the DQSE is to generally regulate, establish, monitor and assure standards and quality in the programmes and educational services at the compulsory level of education provided by State and non-State schools.

4. The DQSE is led by a Director General who, with the assistance of two Directors and a number of Assistant Directors, and Education Officers, is responsible for the functions of this Directorate as provided for by the Education Act (Cap 327), including curriculum management and eLearning, ICT in education, professional development, assessment and examinations and quality assurance.

5. The DQSE shall provide professional services of support, guidance, monitoring, inspection, evaluation and reporting on the process of teaching and learning in schools, on the development and the implementation of the curriculum, syllabi, pedagogy, resources, the necessary modes of assessment and on the administration, the assurance and auditing of quality and standards in Colleges and schools.

6. Education Officers, under the direction of their superiors, shall generally have the powers and responsibilities for the fulfilment of the functions of the DQSE.

7. The selected candidate shall serve in the DQSE in one of the following subjects of specialisation:

Arabic
Art
Business Studies
Chemistry
Computer Studies
Drama
English
eLearning
Inclusive Education (Deployment)
Maths
Quality Assurance
Spanish

The selected candidate may be assigned duties in both the Primary and/or the Secondary Sector.

8. The duties of the selected candidate shall be generally those assigned by the Director General DQSE, and shall include:

Ensuring that the policies and provisions laid down in the Education Act, as well as other policies and provisions of the DQSE are adhered to in both the State and non-State sector;

Providing advice, input, support and monitoring in connection with curriculum development, management,

assigurazzjoni tal-kwalità, it-tmexxija u l-implimentazzjoni fil-livelli ta' Direttorat, Kulleġġ, skola u istituzzjonijiet edukattivi oħra kemm fis-setturi tal-Istat u f'dawk mhux tal-Istat;

Jingħata parir, sostenn u monitoraġġ dwar programmi edukattivi fl-iskejjel u l-kulleġġi;

Tkun integrata l-perspettiva tal-ġeneru fi programmi u inizjattivi tad-Direttorati;

Jingħata sostenn fl-iżvilupp professjonali tal-istaff;

Tingħata għajnuna fit-tħejjija ta' bagits u ppjanar ekonomiku;

Tinġabar u tinżamm data u statistika rilevanti;

Jittieħed sehem attiv fil-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (QNK) u jingħata kontribut kontinwu fir-reviżjoni tiegħu kif meħtieġ;

Jittieħed sehem attiv fit-tiswir tal-*policy* kurrikulari fl-iskejjel u fil-Kulleġġi mfassla fuq il-linji tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu (QNK). Dan jinkludi t-tiswir ta' sillabi, u l-provvediment ta' kurrikula apposta, kotba u riżorsi materjali oħra;

Jittieħed sehem attiv fl-amministrazzjoni u fl-iżvilupp ta' ċentri tar-riżorsi tat-tagħlim;

Ikun evalwat u jsir rappurtaġġ fuq ix-xogħol tal-għalliema u l-progress fit-tagħlim tas-suġġett jew qasam fl-iskejjel;

Issir evalwazzjoni u assigurazzjoni tal-kwalità u l-i*standards* tat-tagħlim fl-iskejjel u fil-Kulleġġi;

Jittieħed sehem attiv u jingħata kontribut effettiv fi programmi edukattivi kemm waqt u wara il-ħin tal-iskola;

Jingħata kontribut fl-organizzazzjoni u l-provvediment ta' żvilupp professjonali;

Jingħataw pariri fl-għażla ta' kotba, apparat u materjal edukattiv u risorżi oħrajn għal skop ta' tagħlim;

Jittieħed sehem attiv u jkunu faċilitati timijiet kurrikulari bil-għan li jiżviluppaw materjal addattat għat-tagħlim fil-livelli diversi;

Tinagħta għajnuna fit-tħejjija tal-estimi finanzjarji tad-Dipartimenti li fihom t/ikun assenjat/a;

Jingħata *mentoring* lill-Kapijiet ta' Dipartiment u personal edukattiv ieħor;

Tinġabar, tkun analizzata, riċerkata u evalwata data sabiex tintuża biex ikunu ppjanati u mmaniġġati servizzi, proġetti u sistemi;

Tiddħol minflok l-Assistent Direttur kif ordnat;

Ikun assigurat li l-preparamenti meħtieġa u l-issettjar tal-assessjar nazzjonali, inklużi l-eżamijiet, isiru fil-ħin;

Twettaq kull dmir ieħor kompatibbli mal-kariga ta' Uffiċjal Edukattiv fid-DKSE;

Dmirijiet oħra skont l-eżigenzi tas-Servizz Pubbliku fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni

Aktar dettalji fuq id-dmirijiet ta' xi oqsma msemmija f'paragrafu 7 jinstabu fil-*website*: (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

9. Il-kwalitajiet mfittxija għal din il-ħatra huma dawk ta' edukatur ta' ħila li għandu viżjoni, għerf, kompetenzi u

eLearning and quality assurance development, management and implementation at Directorate, College, school and other educational institution level, in both the State and non-State school sector;

Advising, supporting and monitoring educational programmes in schools and Colleges;

Integrating the gender perspective in programmes and initiatives of the Directorates;

Assisting in the professional development of staff;

Assisting in the preparation of budgets and business planning;

Collecting and maintaining relevant data and statistics;

Participating in the monitoring of the implementation and evaluation of the National Curriculum Framework (NCF), and regularly contribute to its relevant review;

Participating in the development of curriculum policy for schools and Colleges in line with the NCF, including the development of syllabi and the provision of appropriate curricula, text books and other resource material;

Participating in the administration and development of teaching resource centres;

Evaluating and reporting on the work of teachers and on the progress of the teaching of the subject/area in schools;

Evaluating and ensuring the quality and standards of teaching and learning in schools and Colleges;

Participating and contributing effectively in educational programmes, both during and after school hours;

Contributing towards the organisation and provision of professional development;

Advising on the choice of textbooks, equipment, teaching aids and other educational resources;

Participating and facilitating curriculum teams for the production of suitable teaching materials at the various levels;

Assisting in the preparation of budgets for the Departments s/he is assigned to;

Mentoring Heads of Department and other teaching personnel;

Gathering, analysing, researching and evaluating data and using it to plan and manage services, projects and systems;

Deputising for the Assistant Director as instructed;

Ensuring the timely preparation and setting of national assessments, including examinations;

Any other duty compatible with the post of Education Officer within DQSE;

Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

Further details on the job description in some areas mentioned in paragraph 7 may be accessed on: (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

9. The qualities being sought for in this post are those of a capable educator, with vision, knowledge, competencies

ħeġġa biex jagħti sehem f'tim dinamiku fi ħdan id-DKSE bil-għan li jseħħ titjib fis-sistema edukattiva Maltija, fil-kuntest tal-Qafas Nazzjonali tal-Kurrikulu.

10. Il-post ta' Uffiċjal Edukattiv huwa grad fi Skala ta' Salarju 6, bħalissa €20,654 b'żidiet kull sena ta' €596.33 sa massimu ta' €24,232.

11. Il-ħatra, li hija soġġetta għal żmien ta' prova ta' sena, hija fuq bażi *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jidħlu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u fid-DKSE. Il-persuni nominati jistgħu jiġu ttrasferiti skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku.

12. Il-grad ta' Uffiċjal Edukattiv huwa grad maniġerjali b'sigħat ta' servizz ġenerali.

13. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

a) (i) ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ii) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(iv) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(i), (ii) jew (iii), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

(v) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii), (iv) u (v) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-

and drive to form part of a dynamic team within the DQSE with the aim of improving the Maltese educational system within the context of the National Curriculum Framework.

10. The post of Education Officer is a grade in Salary Scale 6, currently €20,654 increasing by annual increments of €596.33 up to a maximum of €24,232.

11. The appointment which is subject to a one-year probationary period is on a full time basis and is subject to the rules governing from time to time the Malta Public Service and the DQSE. It involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service.

12. The grade of Education Officer is a management position conditioned to general service hours.

13. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iii) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(iv) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (i), (ii) or (ii); or

(v) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii), (iv) and (v) above would necessitate the issue of an employment

każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

ċ) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji);

d) ikollhom *Warrant* (permanenti) ta' Għalliem;

e) ikunu Assistent Kapijiet tal-Iskola, jew Kapijiet tad-Dipartiment (*ex-Subject Coordinators*), jew *Inclusive Education Coordinators (INCOs)*, jew *School Counsellors* fi skola liċenzjata li:

i. għandhom mhux inqas minn għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim u magħhom erba' (4) snin skolastiċi servizz fil-grad ta' Assistent Kap tal-Iskola, jew Kap tad-Dipartiment, jew INCO, jew *School Counsellor* fi skola liċenzjata; U

ii. għandhom tal-anqas erba' (4) snin skolastiċi esperjenza fit-tagħlim tas-suġġett/grupp ta'suġġetti jew qasam partikolari msemmi f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet;

f) f'każ li ma jkunx hemm applikazzjonijiet minn uffiċjali eliġibbli skont il-paragrafu 13 e) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal:

i. uffiċjali fil-gradi indikati f'paragrafu 13 (e) li għandhom anqas minn erba' (4) snin skolastiċi esperjenza fil-grad iżda għandhom ta' lanqas għaxar (10) snin esperjenza ta' tagħlim; U mbagħad lill-

ii. għalliema fil-pussess ta', jew li għandhom l-approvazzjoni biex jingħataw, kwalifika rikonoxxuta relevanti u li għandhom talanqas għaxar (10) snin skolastiċi esperjenza fit-tagħlim, it-tnejn fis-suġġett jew qasam partikulari msemmi f'din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

14. Il-kandidati li jgħaddu jitniżżlu fuq tliet listi ta' mertu separati. Il-lista A ikollha l-ordni ta' mertu ta' dawk il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 13 (e) (i). u ii., imsemmija hawn fuq. Il-lista B ikollha l-ordni ta' mertu ta' dawk il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 13 (f) (i), imsemmija hawn fuq. Il-lista Ċ ikollha l-ordni ta' mertu ta' dawk il-kandidati li jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 13 (f) (ii), imsemmija hawn fuq. L-ewwel preferenza tingħata lil dawk

licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

b) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

c) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

d) in possession of a Teacher's Warrant (Permanent);

e) Assistant Heads of School, or Heads of Department (previously referred to as subject coordinators), or Inclusive Education Coordinators (INCOs), or School Counsellors in a licensed school who:

i. have not less than ten (10) scholastic years teaching experience in addition to four (4) scholastic years service in the grade of Assistant Head of School, or Head of Department, or INCO, or School Counsellor in a licensed school; AND

ii. have at least four (4) scholastic years teaching experience in the particular subject/group of subjects or area advertised in the call for applications.

f) In the absence of applications from eligible officers according to paragraph 13 e) and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to:

i. officers in the grades listed in 13 (e) above who have less than four (4) scholastic years experience in the grade but have at least ten (10) years teaching experience ; AND then to

ii. teachers in possession, or who have been approved for the award, of a relevant recognised qualification and at least ten (10) scholastic years teaching experience both in the subject or area for which the vacancy is advertised.

14. Successful candidates will be listed in three (3) separate order of merit lists. List A will contain the order of merit of candidates who satisfy all the requisites as specified in paragraph 13 (e), (i) and ii above. List B will contain the order of merit of successful candidates who are listed in paragraph 13 (f) (i) above. List C will contain the order of merit of successful candidates who are listed in paragraph 13 (f) (ii) above. First preference will be given to successful candidates from List A, then to successful

il-kandidati li jgħaddu mniżżla fil-lista A, imbagħad dawk il-kandidati li jgħaddu mniżżla fil-lista B, mbagħad dawk il-kandidati li jgħaddu mniżżla fil-lista Ċ.

15. Għalliema li ma jkollhomx ir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà sabiex japplikaw għall-post ta' Uffiċjal Edukattiv iżda li jqisu li għandhom il-kwalifiki neċessarji sabiex jassumu r-rwoli u l-funzjonijiet ta' Uffiċjal Edukattiv, jistgħu jibagħtu l-applikazzjoni tagħhom lid-Direttur Generali, DKSE, flimkien mad-dettalji personali, il-grad, il-kwalifiki u l-post tax-xogħol kurrenti, u jagħtu r-raġunijiet li fuqhom jibbażaw l-interess tagħhom f'dan il-post. Dawn il-persuni jitqiegħdu f'lista ta' riżerva (lista D) u jkunu kkunsidrati biss fil-każ li l-kandidati li jgħaddu fil-listi A, B u Ċ jirrifjutaw il-post jew ma jinstabux kandidati eliġibbli adatti għal dan il-post.

16. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-persuni li apparti li jissodisfaw ir-rekwiżiti msemmija hawn fuq, ikunu motivati, innovattivi u li jkollhom esperjenza fl-aspetti kurrikulari, tal-*e-learning* u/jew fl-assikurazzjoni tal-kwalità fl-edukazzjoni, li juru li għandhom rekord ta' xogħol u ħila fit-twettiq ta' programmi edukattivi li jsostnu u jtejbu l-esperjenzi ta' tagħlim ta' kull student u li juru xhieda tal-ħila li jġibu bidla pożittiva fil-klassijiet permezz tas-sostenn u l-monitoraġġ tal-prattika pedagoġika u jkollhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

17.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil minn naħa tal-*Public Administration HR Office* u l-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

17.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibilità u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-DSE u tkun ikkupjata lill-KNPD.

18.1 L-applikanti jridu jipprovdu *transcripts* tal-kwalifiki. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate,* jew kwalifiki rikonnoxxuti komparabbli, għandhom ikollhom magħhom *transcript,* bl-Ingliż, li juri l-grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandhom ikunu jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Direttorat

candidates from List B and then to successful candidates from list C.

15. Teachers who do not possess the necessary eligibility requirements to apply for the post of EO but who claim they possess the necessary qualifications to fulfil the roles and functions of an EO, may send their application to the Director General, DQSE, including their personal details, grade, qualifications and present deployment and reasons supporting their interest in the post. Such persons shall be placed on a reserve list (List D) to be considered only if successful candidates from lists A, B and C refuse the post or if no suitable candidates are selected.

16. Due consideration will be given to applicants who besides satisfying the requisites above are motivated, innovative and experienced in curricular, eLearning and/or quality assurance aspects of education, who show a proven track record and knowledge of providing educational programmes that maintain and improve the learning experience of all students, as well as the ability to bring about positive change in the classroom through support and monitoring of pedagogical practice and have proven relevant work experience.

17. 1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

17.2 Representations in terms of the previous clause should be attached to the application form and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Director General, Directorate for Educational Services, Great Siege Road, Floriana, VLT 2000 and copied to the NCPD.

18.1 Applicants must provide transcripts of their qualifications. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates, or recognised comparable qualifications, must be accompanied by a transcript, in English, showing the Degree obtained and the final classification. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Directorate by not later than ten

konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

18.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

18.3 a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment/direttorat riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki: (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

19.1. Bord ta' Għażla jassessja l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

19.2 Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tippubblika r-riżultat. Ir-riżultat jiġi esibit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi.

19.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt).

19.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Cod*e għandhom jiġu

(10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

18.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

18.3 a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview;

b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department/directorate as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the department/directorate receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission;

c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website: (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

19.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

19.2 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Directorate for Educational Services, Floriana.

19.3 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt).

19.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code should

sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, ikkuppjat lill-Kap tad-Dipartiment fejn hemm il-pożizzjoni battala. Il-petizzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni u l-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

20. Il-Bord tal-Għażla jassessja l-ħidma tul il-karriera tal-applikant, il-kwalitajiet fit-tmexxija, l-attributi personali, il-ħiliet maniġerjali, u l-potenzjali biex jassumi l-post ta' tmexxija ta' Uffiċjal Edukattiv.

21. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

22. Il-formoli tal-applikazzjoni u l-*european curriculum vitae* format jistgħu jitniżżlu minn dawn is-siti elettroniċi:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitmalti.pdf

http://europass.cedefop.europa.eu

jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex.

23. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*european curriculum vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care*, Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012.

24. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax,* jew xi messaġġ ieħor simili, sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana VLT 2000 jew fl-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* huwa +356-2598 2333).

25. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn;

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz

be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

20. The Selection Board will assess the applicant's track record, leadership qualities, personal attributes, managerial ability and potential for assuming the responsibilities attached to the management post of Education Officer.

21.The selected applicant will be medically examined to ascertain that s/he is fit for the post.

22. Application forms and european curriculum vitae Format may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

https://www.education.gov.mt/MediaCenter/Docs/1_recruitenglish.pdf

http://europass.cedefop.europa.eu/

or obtained from the Customer Care Unit, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or from the Education Office, Victoria, Gozo.

23. Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) on Friday, 28th September 2012.

24. Applications received from abroad through a fax, or other similar message, by noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number is +356-2598 2333).

25. (a) A receipt will be given at the time of delivery for applications delivered by hand.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline.

imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Is-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Uffiċċju tal-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani, Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew l-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Ir-Rabat, Għawdex, tibgħat irċevuta bil-posta fi-żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Information Officer* fid-Dipartiment tal-Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

(Approvazzjoni skont il-capacity building datata 14 ta' Mejju 2012)

Skont Klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Information Officer* fid-Dipartiment tal-Informazzjoni fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

2.1 Is-salarju ta' *Information Officer* huwa ta' €15,972 fis-sena, li jiżdied b'€407.67 fis-sena sa massimu ta' €18,418 (Skala ta' Salarju 10).

2.2 Persuna fil-grad ta' *Information Officer* titla' fi Skala ta' Salarju 9 (€16,994 x €447.33 - €19,678) wara erba' (4) snin servizz fil-grad, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

3. Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta b'mod ġenerali, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Dipartiment tal-Informazzjoni b'mod partikolari. Il-persuna maħtura tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' *Information Officer* fid-Dipartiment tal-Informazzjoni jinkludu li:

i) tieħu ħsieb l-istqarrijiet li jidħlu fid-Dipartiment u tibgħathom lill-*media* kif ukoll tikkoordina attivitajiet mal-Istampa, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu ma' laqgħat, konferenzi nazzjonali u internazzjonali, u l-akkreditazzjoni ta' rappreżentanti tal-*media* lokali u barranija;

ii) tiżgura li tkun familjari mad-dispożizzjonijiet legali stipulati fil-Liġi tal-Istampa, u tgħin Ministeri u Dipartimenti tal-Gvern biex jifformulaw risposti f'waqthom lill-*media*;

iii) żżomm u taġġorna r-Reġistru tal-Istampa skont il-Liġi tal-Istampa;

iv) tittratta l-attività tal-*Communication Centre* tad-

These applications will be acknowledged in writing by the Customer Care Section, Human Resources Development Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Victoria, Gozo within seven (7) days.

31st August, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Information Officer in the Department of Information in the Office of the Prime Minister

(Capacity building approval dated 14th May 2012)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclature denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications for the post of Information Officer in the Department of Information in the Office of the Prime Minister.

2.1. The salary for the post of Information Officer is €15,972 per annum, rising by annual increments of €407.67 up to a maximum of €18,418 (Salary Scale 10).

2.2. A person in the grade of Information Officer will progress to Salary Scale 9 (€16,994 x €447.33 - €19,678) on completion of four (4) years service in the grade, subject to satisfactory performance.

3. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Department of Information in particular and involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

4. The duties of Information Officer in the Department of Information include:

i) Managing incoming and outgoing media releases and co-ordinating Press activities, including those in connection with national and international meetings/conferences, and the accreditation of local and foreign media representatives;

ii) Ensuring that he/she is fully conversant with the legal provisions stipulated in the Press Act, and assisting Ministries and Government Departments in the formulation of timely replies to the Media;

iii) Keeping and updating the Press Register of newspapers in terms of the Press Act;

iv) Managing the activities at the Communication

Dipartiment, inkluż il-ħruġ ta' risposti verbali u bil-miktub għal mistoqsijiet mill-pubbliku, taġġorna l-informazzjoni fil-*website* tad-Dipartiment u tippubblika informazzjoni testwali u grafika fuq l-internet;

v) tiġbor u tgħaddi informazzjoni aġġornata biex tintuża għal *year books* lokali kif ukoll barranin;

vi) tipprepara informazzjoni testwali u grafika għall-istampar ta' pubblikazzjonijiet uffiċjali, inkluż *scipt-writing*, *transcribing*, editjar, *proof-reading*, kompożizzjoni tal-paġna u preżentazzjoni, traduzzjoni mill-Malti għall-Ingliż u viċiversa, u ssegwi proċeduri ta' stampar sew mal-Istamperija tal-Gvern kif ukoll dawk privati;

vii) tassisti u tgħin lid-Direttur fl-organizzazzjoni u koordinazzjoni ta' funzjonijiet statali u avvenimenti nazzjonali oħra bħal Padiljun Nazzjonali fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta, Elezzjonijiet Ġenerali u dawk għall-Kunsilli Lokali, faċilitajiet għall-Istampa għal żjarat minn dinjitarji barranin kif ukoll dawk li jirrigwardaw l-attivitajiet uffiċjali tal-President u l-Prim Ministru, sew f'Malta kif ukoll barra;

viii) tagħmel xogħol ta' *webpublishing* billi tuża (i) diversi programmi bħal Sharepoint u CMS, u (ii) diversi lingwi bħal HTML, Java, eċċ., kif ukoll *live streaming*. Il-persuna magħżula tkun meħtieġa li tattendi għal taħriġ adegwat għal dax-xogħol imsemmi, kif ukoll issegwi korsijiet li jwasslu għal Diploma fl-istudji tal-*computer* jew ekwivalenti għaliha;

ix) tagħmel monitoraġġ tal-*media*, tirrekordja *audio* u *video* f'forma diġitali u taqlibhom għal diversi modi bħal MP3, WAV, MPEG, WMV, eċċ;

x) taqdi l-funzjoni ta' *Senior Information Officer* skont il-ħtieġa.

xi) twettaq dmirijiet oħra skont l-eżiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

Centre of the Department, including the delivery of verbal and written replies to queries from the public, updating information in the Department's website and publishing text and images on the Internet;

v) Compiling and forwarding information for the updating of local as well as international year books;

vi) Preparing text and images for the printing of official publications including script-writing, transcribing, editing, proof-reading, page lay-out and presentation, translation from Maltese to English and vice-versa and following up printing procedures at both Government and private print related establishments;

vii) Assisting and providing support to the Director (Information) in the organisation and co-ordination of state functions and other national events such as the National Pavilion at the Malta International Trade Fair, General and Local Councils Elections, Press facilities for visits by foreign dignitaries as well as those in connection with The President's and the Prime Minister's official activities, locally as well as abroad;

viii) Webpublishing through the use of (i) various applications such as Sharepoint and CMS, and (ii) various languages such as HTML, Java etc., as well as live streaming. The selected candidate may be required to attend adequate training for the above, as well as follow course/s leading to a Diploma in computer studies or its equivalent;

ix) Media monitoring, audio and video recording in digital format and conversion to various formats such as MP3, WAV, MPEG, WMV etc.;

x) Deputising for the Senior Information Officer as may be required.

xi) Any other duties according to the exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c)citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom *degree* rikonoxxuta, f'livell 6 tal-MQF, jew kwalifika rikonoxxuta, xierqa u komparabbli, f'waħda minn dawn:

(a) Arti (preferibbilment fl-Ingliż u/jew Malti);
(b) Komunikazzjoni;
(ċ) B.Educ. (bl-Ingliż u/jew Malti bħala qasam/oqsma prinċipali ta' studju).

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

Dawk il-kandidati li ma jkunux għadhom ġabu l-kwalifiki msemmija hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifiki msemmija sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP 47);* filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafu 5.1, ikunu għaddew mill-*modules* kollha tal-ECDL u għandhom esperjenza ta' xogħol relevanti u ppruvata.

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) be in possession of a recognised degree, at MQF level 6, or a recognised, appropriate, comparable qualification in one of the following:

(a) Arts (preferably in English and/or Maltese);
(b) Communications;
(c) B. Educ. (with English and/or Maltese as main area/s of study).

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5.1, have obtained a pass in all ECDL modules and have proven relevant work experience.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' min japplika mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati minn min japplika għaliex ma jissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jigu eżaminati minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

7.3 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u tad-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

7.1 Eligible applicants will be assessed by a Selection Board to determine their suitability for the post.

7.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at: (http://www.psc.gov.mt). A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.3 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and on that of Department of Information, 3, Castille Place, Valletta.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to

meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

b) Dawk l-applikanti li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

ċ) L-applikanti huma eżenti milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħra li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lil min japplika biex jippreżenta dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, min japplika jingħata xahar ċans sabiex jippreżenta d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f' sub-paragrafu (b) hawn fuq.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hi adatta għal dan il-post.

10. ll-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta.

11. L-applikazzjonijiet flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur fid-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email*, *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand id-Direttur, Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja,

produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

9. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

10. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta.

11. Applications, together with a curriculum vitae showing qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director (Information) at the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta at by not later than noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2012.

12. Applications received from abroad through email, fax or other similar message by noon (Central European Time) on Friday, 28th September 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department of Information, 3, Castille Place, Valletta by not later than one

Il-Belt Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa (director.doi.opm@gov.mt) fil-waqt li n-numru tal-*fax* huwa +356 2200 1775.

13. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment tal-Informazzjoni, 3, Pjazza Kastilja, Il-Belt Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (Informazzjoni) jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' Uffiċjal Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi fil-Ministeru għall-Intern

(Approvazzjoni skont il-*capacity building datata* 21.08.2012)

Skont klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Uffiċjal Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi fil-Ministeru għall-Intern.

2. Soġġett għal paragrafu 6 hawn taħt, persuna magħżula tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala Uffiċjal Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi fil-Ministeru għall-Intern, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħrajn. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala Uffiċjal Korrettiv matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.1 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment*/*traineeship* u terġa' lura għall-grad sostantiv/*indefinite status* tagħha meta jintemm l-*assignmen*/*traineeship*. Fil-każ ta' persuna li tkun Uffiċjal Pubbliku, li tkun fuq kuntratt definit u li m'għandiex grad sostantiv/*indefinite status*, l-impieg tagħha mad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, l-impieg tagħha mad-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*/*traineeship*.

week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is director.doi.opm@gov.mt while the fax number is +356 22001775.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by Director (Information) and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by Director (Information) within seven (7) days.

31st August, 2012

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Correctional Officer in the Correctional Services Department within the Ministry for Home Affairs

(Capacity building approval dated 21.08.2012)

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender

The Public Service Commission invites applications for the position of Correctional Officer in the Correctional Services Department within the Ministry for Home Affairs.

2. Subject to paragraph 6 below, a selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as a Correctional Officer in the Correctional Services Department within the Ministry for Home Affairs, which may be renewed for further periods. Unsatisfactory performance as Correctional Officer during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.1 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade/indefinite status during the assignment/traineeship period and will revert to his/her substantive grade/indefinite status on termination of assignment/traineeship. In the case of a Public Officer on a definite contract but who does not hold a substantive grade/indefinite status, his/her employment with the Correctional Services Department as well as with the Government of Malta will be discontinued in case of termination of assignment. In the case of a person recruited from outside the Malta Public Service, his/her employment with the Correctional Services Department as well as with the Government of Malta will be discontinued in case of termination of assignment/traineeship.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sostantiv/*indefinite status* fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 12, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' Uffiċjal Korrettiv u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar minn massimu ta' Skala 12 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' Uffiċjal Korrettiv huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 14 li, fis-sena 2012 huwa ta' €12,436 fis-sena li jitla' b'żidiet fis-sena ta' €316.83 sa massimu ta' €14,337.

3.1 Persuna li tkun tat sehem sodisfaċenti, tul il-*probation* għal sentejn (2) bħala Uffiċjal Korrettiv, titqiegħed fi Skala 13, u tkompli tiela għal Skala 12 wara għaxar (10) snin servizz bħala Uffiċjal Korrettiv.

3.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), il-pensjoni tat-Teżor/*Gratuity* tagħha tinħadem fuq il-grad sostantiv u skala ta' salarju tagħha.

4. Uffiċjal Korrettiv irid jirrispondi direttament lid-Direttur, Servizzi Korrettivi, u jista' jkun meħtieġ li jaħdem fuq sistema ta' xift mit-Tnejn sal-Ħadd, li jinkludi iljieli u btajjel pubbliċi.

4.1 Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' Uffiċjal Korrettiv fid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi jinkludu:

(a) Għassa ta' priġunieri skont ir-regoli, regolamenti u liġijiet applikabbli;

(b) Moniteraġġ tal-imġiba tal-priġunieri, kif ukoll verifiki neċessarji sabiex ikun żgurat li tinżamm l-ordni;

(ċ) Viġilanza fl-ispezzjoni ta' serraturi, bibien, twieqi u strutturi oħrajn;

(d) Osservanza u gwida tal-priġunieri waqt li qed jagħmlu xogħol mogħti lilhom, kif ukoll jirrispondi kif meħtieġ lis-superjuri tiegħu;

(e) Gwardja kif ukoll xogħol ieħor marbut mas-sigurta' skont l-istruzzjonijiet;

(f) Rappurtaġġ dwar l-imġiba tal-priġunieri kif ukoll assistenza lis-superjuri tiegħu w uffiċjali oħrajn billi jsegwi l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Kura u miżuri oħrajn ta' ġustizzja riparatriċi;

2.2 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade/indefinite status in the Malta Public Service, and during the assignment period is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 12, he/she will be expected to relinquish the duties of Correctional Officer and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected candidate becomes higher than the maximum of Scale12 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3. The salary attached to the position of Correctional Officer is equivalent to Salary Scale 14, which in the year 2012 is €12,436 per annum rising by annual increments of €316.83 up to a maximum of €14,337.

3.1 Subject to satisfactory performance, an incumbent, who successfully complete the first two-year probationary period, will be placed in Scale 13 and will further proceed to Scale 12 on completion of ten (10) years service as Correctional Officer.

3.2 If a selected candidate is a public officer pensionable under the Pensions Ordinance (Cap. 93), his/her Treasury Pension/Gratuity shall be calculated on his/her substantive grade and salary scale.

4. A Correctional Officer will be directly answerable to the Director, Correctional Services and may be required to work a shift system from Monday to Sunday, including nights and public holidays.

4.1 The duties of Correctional Officer in the Correctional Services Department include:

(a) Guarding prison inmates as per the rules, regulations and laws applicable;

(b) Monitoring behaviour of inmates and performing frequent checks to ensure the upkeep of order;

(c) Vigilance in inspecting locks, doors, windows, and other structures;

(d) Observing and guiding inmates while they are completing work allotted to them as a part of service and reporting progress as necessary to superiors;

(e) Conducting patrols and security duties as directed;

(f) Reporting on prison inmates' behaviour and assisting superiors and other officials by following up on the implementation of Care Plans and other restorative justice measures;

(ġ) Skorta ta' priġunieri ġewwa kif ukoll barra mill-Faċilità skont il-bżonn;

(ħ) Assistenza fl-implimentazzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni ta' gruppi vulnerabbli fi ħdan il-Faċilità;

(i) Kull xogħol ieħor li jista' jkun assenjat mid-Direttur, Servizzi Korrettivi; u

(j) Dmirjiet oħrajn skont l-esiġenzi tas-Servizz skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

4.2 Matul it-terminu tal-impieg, Uffiċjal Korrettiv jista' jkun meħtieġ li jwettaq dmirijiet oħrajn li jkunu jaqblu mal-pożizzjoni tiegħu/tagħha il-barra mid-Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) a) ikollhom ċertifikati f'Livell Ordinarju f'Livell 3 tal-MQF fi tliet suġġetti, jew kwalifika xierqa, komparabbli u rikonoxxuta;

JEW

b) li jkunu servew taħt Korp Dixxiplinarju (jiġifieri, *naval, military* jew *air force*, *Police Force* jew *prison service*) għal mhux anqas minn għaxar (10) snin, u li jkollhom fil-pussess tagħhom ċertifikat ta' mertu tas-servizz maħruġ mill-Kap rispettiv tal-Korp Dixxiplinarju;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorita' oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

(v) ikunu għalqu l-wieħed u għoxrin (21) sena.

L-applikanti għandhom ikunu fi stat ta' saħħa tajba, kemm fiżikament u mentalment, skont l-i*standards* mediċi tas-saħħa sabiex ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet meħtieġa minnhom fis-Servizzi Korrettivi.

Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dak rikjest hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eliġibbiltà, sakemm dawn ikunu fis-suġġetti mitluba.

(g) Escorting inmates within and outside the Facility as necessary;

(h) Assisting in the implementation of measures to safeguard vulnerable groups within the Facility;

(i) Any another task or tasks that may be assigned by the Director, Correctional Services; and

(j) Any other duties according to the exigencies of the Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

4.2 During the term of employment, a Correctional Officer may be required to carry out duties outside the Correctional Services Department compatible with his/her position.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must:

(i) be citizens of Malta;

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) a) be in possession of Certificates at Ordinary Level at MQF Level 3 in any three subjects or an appropriate, recognized, comparable qualification;

OR

b) have served in a disciplined force (that is, a naval, military or air force, Police Force or prison service) for not less than ten (10) years and be in possession of a Certificate for Meritorious Service from the Head of the respective disciplinary Force;

(iv) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

(v) have attained their twenty-first (21st) birthday.

Applicants must be medically fit in all respects, physically and mentally, in accordance with the medical standards of fitness in the Correctional Services, in order to be able to perform all the duties expected from a Correctional Officer.

Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

Dawk il-kandidati li ma jkunux ghadhom ġabu l-kwalifiki msemmijin hawn fuq formalment xorta jiġu kkunsidrati, basta jipprovdu evidenza li ġew appovati għall-għoti tal-kwalifiki msemmijin sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

5.1 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak mitlub f'paragrafu 5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

6. Il-proċess tal-għażla jsir f'żewġ stadji:

(a) L-applikanti eliġibbli, skont paragrafu 5 hawn fuq, jiġu eżaminati minn Bord tal-Għażla sabiex juru dawk il-kwalitajiet personali, bħal personalità, viġilanza, intelliġenza, u xeħta personali meħtieġa f'Uffiċjal Korrettiv. Persuni li jeħlu mill-intervista jinżammu milli jgħaddu għall-kors ta' taħrig.

(b) Persuni magħżula skont paragrafu 6 (a) hawn fuq, ikunu meħtieġa li jagħmlu kors ta' taħrig (full-time) ta' erba' (4) xhur u joqgħodu għall-eżami finali, li jistabbilixxi l-ordni tal-mertu. Matul il-kors ta' taħriġ u sakemm jiġi ppubblikat ir-riżultat tal-eżami fl-aħħar tal-kors, persuni magħżula jissejjħu bħala Uffiċjal Korrettiv Rekluta *(Trainee Correctional Officer)*. Matul il-kors ta' taħrig kif ukoll wara li jintemm, persuni magħżula jkunu suġġetti għad-dixxiplina, skont provediment fil-Leġislazzjoni Nr. 260.03 magħrufa bħala Att tar-Regolamenti tal-Ħabsijiet, Kapitlu 260.

(ċ) Persuni magħżula joqgħodu għall-eżami ta' effiċjenza fiżika sabiex jiġi aċċertat il-livell ta' saħħa skont l-istandards ta' Uffiċjal Korrettiv. Persuni jridu mill-inqas iġibu l-minimu tal-istandards f'kull komponent tal-eżami ta' effiċjenza biex ikun aċċertat li għaddew minn dan l-eżami. Persuni li jeħlu f'xi wieħed minn dawn il-komponenti, jistgħu jerġgħu joqgħodu għal prova oħra f'dak il-komponent partikulari tal-eżami fiżiku.

(d) Persuni li jkunu daħlu għall-kors, li jissejħu Uffiċjal Korrettiv Rekluta *(Trainee Correctional Officer)*, ikunu ntitolati għall-uniformijiet. Ikun meħtieg li jaħdmu xift u/jew xogħol manwali skont il-ħtieġa.

Il-kors ta' taħriġ jinkludi:

Lezzjonijiet fuq edukazzjoni u komunikazzjoni ta' ħiliet, etika, drogi u abbuż ta' alkoħol u privenzjoni, saħħa fiżika u mentali, politika u leġiżlazzjoni;

Mitejn (200) siegħa ta' xogħol matul l-erba (4) xhur ta' taħriġ fit-taqsimiet kollha fis-Servizzi Korrettivi ta' Malta;

Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered, provided that they submit evidence that they have been approved for the award of the qualifications in question by the closing time and date of the call for applications.

5.1. Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraph 5, have proven relevant work experience.

6. The selection process shall be in two stages:

(a) Applicants eligible in terms of paragraph 5 above will first be subject to a preliminary interview by a Selection Board designed to bring to the fore those personal qualities in a candidate, such as personality, alertness, intelligence, and other personal aptitudes required of a Correctional Officer. Candidates who fail the interview shall be precluded from joining the course of training.

(b) Successful candidates in terms of paragraph 6 (a) above will subsequently be required to undergo a full-time course of training of a duration of four (4) months and sit for a final examination, which will establish the final order of merit. During the course of training and until the publication of the result of the examination at the end of the course, selected applicants will be known as Trainee Correctional Officer. Candidates will be subject to discipline, even during the traineeship period as provided for in Subsidiary Legislation No. 260.03 known as the Prisons Regulations of the Prisons Act, Chapter 260.

(c) Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to ensure fitness to Correctional Officer standards. Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in any one component will be allowed to re-sit once in that particular component of the physical test.

(d) Candidates admitted to the course, who shall be known as Trainee Correctional Officers, will be entitled to free issue of uniforms. They may be required to perform practical duties on a shift basis, under supervision, which assignment would include night work and/or manual work as necessary.

The training course will include:

Classes on education and communication skills, ethics, drug and alcohol abuse and prevention, medical and mental health, policies and legislation;

Two hundred (200) hours of work placement during the 4-month training period, to be conducted in all divisions of the Malta Correctional Services;

Attivitajiet oħrajn bħal tifi tan-nar, teknika ta' kontroll u trażżin, sigurtà, programm maniġerjali tal-ħabs, servizzi tal-pruġinieri, l-ewwel għajnuna fil-kura, u taħrig fiżiku.

Matul l-erba (4) xhur ta' taħriġ komprensiv, l-Uffiċjal Korrettiv Rekluta *(Trainee Correctional Officer)* ikun meħtieġ li jsegwi korsijiet ta' studju u joqgħod għall-eżamijiet u assessjar ieħor kif inhu ndikat fil-kors ta' taħriġ, skont ir-regolamenti tal-kors. Persuni li repitutament jonqsu li jilħqu l-istandards meħtieġa matul il-kors, it-taħriġ tagħhom jista' jintemm.

L-imsemmi kors komprensiv isir fl-Akkademja tal-Pulizija jew/u istituzzjoni oħra kif hemm bżonn.

Persuni li jgħaddu b'suċċess jingħatalhom ċertifikat ta' kompetenza.

l-ordni tal-mertu jiġi determinat skont it-total tal-marki miksuba matul il-kors kollu ta' taħriġ. Persuni li jonqsu li jilħqu l-livell meħtieġ, ma jiġux appuntati bħala Uffiċjal Korrettiv u ikollhom l-apprendistat tagħhom mitmum.

6.1 Persuni li jitħarrġu *(Trainees)* li, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, mhumiex fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku jirċievu l-paga bażika minima kurrenti, kumpens tal-għoli tal-ħajja u bonus (pro-rata) skont il-leġiżlazzjoni relattiva. Persuni li diġà huma marbutin b'xi kuntratt ta' apprendistat jiġu miżmuma mill jidħlu fl'iskema sakemm ma jġibux ċertifikat ta' rilaxximent mill-Korporazzjoni tal-Impieg u t-Taħriġ.

6.2 Persuni li jitħarrġu *(Trainees)* li, sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, huma fis-Servizz Pubbliku/Settur Pubbliku jiġu kkunsidrati bħala trasferiti fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, jew on secondment fil-każ ta' impjegati fis-Settur Pubblilku u jitħallsu l-minimu tas-Salarju ta' Skala 14 (jiġifieri €12,436), sakemm is-salarju ma jkunx aktar mill-minimu ta' Skala tas-Salarju 14 u mhux iżjed minn massimu ta' Skala 12 (€16,237), f'liema każ jibqgħu jirċievu is-salarju sħiħ tas-substantive grade/ indefinite status/*definite contract of employment* tagħhom għal perjodu kollu tat-taħriġ.

Persuni magħżula, li huma impjegati fis-Settur Pubbliku, għandhom jagħmlu l-arranġamenti huma biex jiġu rilaxxati mill-post tagħhom.

6.3 Persuni li jkunu spiċċaw il-kors b'suċċess, jiġu appuntati Uffiċjal Korrettiv fi Skala 14 fuq kuntratt ta' sitta u tletin (36) xhar, li jista' jiġi mġedded għal perjodi oħrajn, skont l-ordni ta' mertu miksub fl-eżami fl-aħħar tal-kors ta' taħriġ u skont id-disponibilità tal-vakanzi. Ir-riżultat tal-eżami jibqa' jgħodd għal sena. Il-ħatra

Activities such as Fire Fighting, Control and Restraint Techniques, Security, Prison Management Programme, Inmates Services, First Aid and Physical Training.

During the 4-month comprehensive course of training, the Trainee Correctional Officer will be required to follow such study courses and sit for such examinations and other assessments as are laid down in the course of training, according to the course regulations. Trainees who repeatedly fail to reach the required standards may have their training terminated at any time.

The aforementioned comprehensive course will be held at the Police Academy and/or in any other training institution as necessary.

On successful completion of the training, a Certificate of competence shall be awarded to candidates.

The order of merit will be determined by the total marks obtained during the whole course of training. Those who fail to reach the required standard will not be appointed Correctional Officers and will have their traineeship terminated.

6.1 Trainees who, on the closing day of the receipt of applications are not in Public Service/Public Sector will receive the current basic minimum wage, the cost of living allowance and bonus (pro-rata) in accordance with the relative legislation. Applicants who are already bound by some other agreement of apprenticeship shall be precluded from joining the traineeship scheme unless they obtain a certificate of release from the Employment and Training Corporation.

6.2 Trainees who, on the closing day of applications are in Public Service/Public Sector will be considered as transferred in the case of Public Officers and on secondment in the case of Public Sector employees and will be paid the minimum salary of Salary Scale 14 (i.e. €12,436), unless their salary is higher than the minimum of Salary Scale 14 and not in excess of the maximum of Scale 12 (€16,237), in which case they will continue to receive their salary of their substantive grade / indefinite status / of a definite contract of employment for the whole period of training.

Selected applicants who are employees of Public Sector entities must make their own arrangements for their release.

6.3 On the successful completion of the course, a Trainee Correctional Officer will be appointed Correctional Officer in Scale 14 on a thirty-six (36)-month assignment, which may be renewed for further periods, in accordance with the order of merit obtained in the examination at the end of the training course and subject to the availability of vacancies.

ta' Uffiċjal Korrettiv ikun għal perjodu ta' prova għal sentejn.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont Sezzjoni 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta ikunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Public Administration HR Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

7.1 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll fil-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq: (http://www.psc.gov.mt). Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

8.1 Ir-riżultat jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esibit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru għall-Intern.

8.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Il-Belt Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.1 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

The result of the qualifying examination will remain valid for one (1) year. The appointment of Correctional Officer will be subject to a probationary period of two (2) years.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Section 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Public Administration HR Office and approval of the Public Service Commission.

7.1 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents, which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.1 The result will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and on that of the Ministry for Home Affairs.

8.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.1 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.2 (a) Fejn jikkonċerna kwalifiki sottomessi b'rispons għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ. Din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista.

(b) Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

(ċ) L-applikanti huma eżentati milli jippreżentaw id-dikjarazzjoni imsemmija hawn fuq jekk ikollhom kwalifiki miksuba minn Universitajiet akkreditati jew istituzzjonijiet akkreditati oħrajn li huma mniżżla u jistgħu jinkisbu mill-paġna tal-MQRIC fis-sit tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki (www.mqc.gov.mt/mqric). F'każ ta' dubju, madankollu, il-Bord tal-Għażla jista' jwarrab din l-eżenzjoni u jitlob lill-applikant/a biex jipproduċi/tipproduci dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC. F'dan il-każ, l-applikant/a jingħata/tinghata xahar ċans sabiex jipproduċi/tipproduci d-dikjarazzjoni, bil-possibbiltà ta' estensjoni kif imsemmi f'sub-paragrafu (b) hawn fuq.

10. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mingħand l-Assistent Direttur, Amministrazzjoni, Riżorsi Umani u Finanzi, Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi, Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA 1707.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu mid-Direttur, Servizzi Korrettivi, Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi, Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA 1707 sa mhux aktar tard min-nofs in-nhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012.

9.2 (a) With respect to qualifications produced in response to this call for applications, applicants are required to produce a recognition statement by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) based within the Malta Qualifications Council, or by any other designated authority, as applicable. Such statement should be attached to the application and the original presented at the interview.

(b) Applicants who are not in possession of such a statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement to the receiving department as soon as it is available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control may request an extension of this time limit, up to a further one month, from the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Requests for extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

(c) Applicants are exempt from the above requirements in respect of qualifications obtained from accredited universities or other accredited institutions that are listed and available for download from the MQRIC page of the Malta Qualifications Council website (www.mqc.gov.mt/mqric). In cases of doubt, however, the Selection Board may set aside this exemption and direct an applicant to procure a recognition statement from MQRIC. In such a case, the applicant shall be given one month to procure the statement, subject to the possibility of extension as provided for in sub-paragraph (b) above.

10. A selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Assistant Director, Administration, Human Resources and Finance, Department of Correctional Services, Corradino Correctional Facility, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA 1707.

12. Applications, together with a curriculum vitae including qualifications and experience, will be received by the Director, Correctional Services, at the Corradino Correctional Facility, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA 1707 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2012.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *email, fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofs in-nhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, 28 ta' Settembru 2012 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korrettivi, Dipartiment tas-Servizzi Korrettivi, Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Triq il-Belt Valletta, Paola PLA 1707 mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. L-indirizz tal-*email* huwa (james.catania@gov.mt) filwaqt li n-numru tal-*fax* huwa +356 2366 8505.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn għand id-Direttur, Servizzi Korrettivi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur,Servizzi Korrettivi, jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

UFFIĊĊJU TAR-RIŻORSI UMANI
FL-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA,
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Sejħa għal espressjoni ta' interess minn persuni biex jiffurmaw parti mill-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina fil-Ministeri

L-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fi ħdan l- Uffiċċju tal-Prim Ministru jixtieq jidentifika persuni li huma interessati li jiffurmaw parti mill-*Panels* Permanenti tal-Għażla u/jew tad-Dixxiplina.

Panels Permanenti tal-Għażla jiġu stabbiliti għal kull Ministeru, u minnhom jistgħu jsiru ħatriet fuq Bordijiet tal-Għażla. Dawn il-Bordijiet tal-Għażla jintervistaw u jevalwaw applikanti f'termini ta' sejħiet għall-applikazzjonijiet għall-mili ta' postijiet/pożizzjonijiet fis-Servizz Pubbliku. *Panels* Permanenti tad-Dixxiplina jiġu wkoll stabbiliti għal kull Ministeru, u minnhom isiru ħatriet fuq Bordijiet tad-Dixxiplina. Dawn il-Bordijiet tad-Dixxiplina jinvestigaw każijiet dixxiplinarji kontra uffiċjali pubbliċi fit-termini tar-Regolamenti tad-Dixxiplina tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Din l-inizjattiva hija konformi mad-direzzjoni tal-Gvern lejn il-promozzjoni tal-inklużjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'aspetti partikolari tal-ħajja amministrattiva. Filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operabilità ta' funzjonijiet ċentrali partikolari tal-Amministrazzjoni Pubblika, din l-inizjattiva sservi wkoll biex trawwem aktar viżibilità fuq il-ħidma tal-Gvern, kif ukoll tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni ta' riżorsi umani esterni li l-għarfien, il-kapital

13. Applications received from abroad through email, fax, or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 28th September 2012 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director, Correctional Services, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The email address is (james.catania@gov.mt) whereas the fax number is +356 2366 8505.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director, Correctional Services, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director, Correctional Services, within seven (7) days.

31st August, 2012

PUBLIC ADMINISTRATION HUMAN
RESOURCES OFFICE, OFFICE OF
THE PRIME MINISTER

Call for expressions of interest to form part of the Standing Selection Panels and Standing Disciplinary Panels in line Ministries

The Public Administration Human Resources Office within the Office of the Prime Minister would like to identify persons who are interested in forming part of Standing Selection and/or Disciplinary Panels.

Standing Selection Panels (SSPs) will be established for each Ministry, from which appointments on Selection Boards may be made. These Selection Boards will interview and assess applicants in terms of calls for applications for the filing of posts/positions in the Public Service. Standing Disciplinary Panels (SDPs) will likewise be established for each Ministry, from which appointments on Disciplinary Boards may be made. These Disciplinary Boards will investigate disciplinary charges issued against public officers in terms of the PSC Disciplinary Regulations

This initiative is in line with Government's thrust towards the promotion of inclusion and the participation of citizens in particular aspects of administrative life. While reducing the administrative burden on the operability of particular central functions of the Public Administration, this initiative also serves to foster greater visibility on the workings of Government, as well as encourage the participation of external human resources whose valuable knowledge, capital and experience

u l-esperjenza siewja tagħhom huma mistennija li jipproduċu valur miżjud għal funzjonijiet partikolari tal-Gvern.

1. Kriterji ta' Eliġibbiltà għall-Inklużjoni fil-Panels Permanenti tal-għażla u tad-Dixxiplina

Sabiex ikunu kkunsidrati għall-inklużjoni fuq il-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina, persuni li jippreżentaw espressjoni ta' interess għandhom ikunu:-

Fil-każ tal-*Panels* Permanenti tal-Għażla:

(i) uffiċjali pubbliċi rtirati li kellhom post/pożizzjoni mhux inqas minn skala ta' salarju 10 u li waqfu mix-xogħol tagħhom mas-Servizz Pubbliku matul dawn l-aħħar ħames (5) snin,

jew

(ii) membri mill-pubbliku, kompetenti u xierqa, li jokkupaw jew li okkupaw, matul l-aħħar ħames (5) snin, pożizzjoni ta' *middle-management (jiġifieri pożizzjoni li jmexxu dipartiment speċifiku fi ħdan organizzazzjoni, bħal management ta' riżorsi umani, ta' kontijiet, ta' marketing, ta' produzzjoni jew ta' tmexxija/implimentazzjoni ta' proġetti b'responsabilità għall-implimentazzjoni tal-politka u l-pjanijiet tat-tmexxija f'livell għoli, inkluż is-superviżjoni tal-impjegati) għal perjodu ta' mhux anqas minn tliet (3) snin;*

Fil-każ tal-*Panels* Permanenti tad-Dixxiplina:

(i) uffiċjali pubbliċi rtirati li kellhom post/pożizzjoni mhux inqas minn skala ta' salarju 5 u li waqfu mill-impieg tagħhom mas-Servizz Pubbliku matul dawn l-aħħar ħames snin.

2. Għażla

Persuni li jissottomettu espressjoni ta' interess jiġu assessjati minn bord tal-intervisti bil-għan li jiġi stabbilit jekk humiex adattati għal dan il-kompitu. Wara evalwazzjoni pożittiva, il-persuni kkonċernati jitpoġġew fuq żewġ listi ċentrali separati, li minnhom is-Segretarji Permanenti fil-Ministeri jistabbilixxu l-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina tal-Ministeru, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

3. Funzjonijiet ta' Bordijiet tal-Għażla u tad-Dixxiplina

Il-ħatra tal-Bord tal-Għażla u tal-Bord tad-Dixxiplina ssir mill-Kap tad-Dipartiment rispettiv minn fost il-persuni elenkati fil-*Panel* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina tal-Ministeru rispettiv.

Il-Bord tal-Għażla, li dejjem ikun jinkludi tal-anqas uffiċjal pubbliku, huwa kompost minn *Chairperson* u żewġ Membri oħra jew iktar. Il-Bord tal-Għażla jkun meħtieġ li jintervista u jevalwa l-applikanti f'termini ta' kriterji determinati minn

are expected to yield added-value to particular Government functions.

1. Eligibility Criteria for Inclusion on the ssps and sdps

In order to be considered for inclusion on the SSPs and SDPs, persons who submit an expression of interest must be:-

In the case of the SSPs:

(i) retired public officers who held a post/position not below salary scale 10 and who withdrew from their employment with the Public Service during these last five years,

or

(ii) competent and suitable members of the public who occupy or have, during the last five (5) years, occupied a middle-management position *(i.e. a position heading a specific department within an organisation, such as HR management, accounting, marketing, production or project management/ implementation with responsibility for implementing the senior management's policies and plans whilst also supervising subordinates) for not less than three (3) years;*

In the case of the SDPs:

(i) retired public officers who held a post/position not below Salary Scale 5 and who withdrew from their employment with the Public Service during these last five years.

2. Selection

Persons who submit an expression of interest will be subject to an assessment by an interviewing board aimed at establishing their suitability for this task. Following a positive assessment the persons concerned will be placed on two separate central pools, from which the Permanent Secretaries in the line Ministries, will establish the Ministry's SSP and the SDP subject to the approval of the Public Service Commission.

3. Functions Of Selection & Disciplinary Boards

The appointment of the actual Selection Board and Disciplinary Board will be made by the respective Head of Department from amongst the persons listed in the SSP and SDP of the respective line Ministry.

The Selection Board's composition, which invariably includes at least one serving public officer, is made up of a Chairperson and two or more Members. The Selection Board will be required to interview and assess applicants in terms of pre-determined cri-

qabel u skont ir-Regolamenti pertinenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Il-Bord tad-Dixxiplina, li jikkonsisti minn *Chairperson* u żewġ membri, jinħatar mill-Kap tad-Dipartiment minn fost uffiċjali pubbliċi tad-Dipartiment u/jew persuni elenkati fil-*Panel* Permanenti tad-Dixxiplina. Il-Bord tad-Dixxiplina jkun meħtieġ li jinvestiga każijiet dixxiplinarji u jiddetermina jekk l-uffiċjal pubbliku konċernat huwiex ħati jew le.

Dettalji tad-dmirijiet tal-persuni li jkunu maħtura biex iservu fil-Bordijiet tal-Għażla u Bordijiet tad-Dixxiplina jinstabu f'Appendiċi A, mehmuża ma' din l-espressjoni ta' interess.

4. Kundizzjonijiet

(i) persuni interessati jistgħu japplikaw għall-inklużjoni kemm fil-*Panel* Permanenti tal-Għażla kif ukoll fil-*Panel* Permanenti tad-Dixxiplina, u jistgħu jservu fl-istess żmien fuq iż-żewġ *Panels*;

(ii) ħatra fuq *Panel* Permanenti tal-Għażla jew tad-Dixxiplina tkun effettiva għal perjodu ta' erbgħa u għoxrin (24) xahar, bil-possibbiltà ta' tiġdid għal perjodi oħra ta' tnax-il xahar, soġġett għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(iii) uffiċjali pubbliċi rtirati li, għall-aħħar għaxar (10) snin qabel l-irtirar servew f'Ministeru partikolari ma jkunux ikkunsidrati għall-ħatra biex iservu fuq il-*Panel* Permanenti tad-Dixxiplina ta' dak l-istess Ministeru;

(iv) applikazzjonijiet għall-ħatra fuq *Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina jiġu kkunsidrati biss sakemm l-applikanti m'għandhomx x'jaqsmu ma' uffiċċji privati ta' Ministri u Segretarji Parlamentari, m'humiex Membri tal-Parlament u mhumiex Kunsilliera Lokali; u

(v) persuni li jintgħażlu biex jiffurmaw parti mill-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina jkunu meħtieġa li jattendu programm ta' taħriġ li jkun jiffoka fuq il-proċeduri ta' għażla u ta' dixxiplina attwali li jappartjenu għas-Servizz Pubbliku. Persuni li jonqsu milli jattendu għal dan il-kors ta' taħriġ jitneħħew mill-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina.

5. Ħlas

Persuni li jinħatru fuq Bord tal-Għażla/Bord tad-Dixxiplina jitħallsu b'rata fis-siegħa skont in-numru ta' sigħat li l-Bord iqatta' fuq ix-xogħol assenjat lilu *(inkluż il-laqgħat preliminari, l-intervisti attwali/seduti dixxiplinarji u l-istadju tal-kitba tar-rapport).*

Ir-rati ta' ħlas huma:-

Fil-każ ta' ħatra fuq Bord tal-Għażla:

Chairperson	€10.87 fis-siegħa
Membru	€ 9.32 fis-siegħa

teria and in accordance with the pertinent PSC Regulations. The Disciplinary Board consisting of a Chairperson and two members, shall be appointed by the Head of Department from amongst serving public officers of the Department and/or persons listed in the SDP. The Disciplinary Board will be required to investigate a disciplinary charge and determine the guilt or otherwise of the public officer against whom a disciplinary charge was issued.

Details of the duties of the persons who will be appointed to serve on the Selection Boards and Disciplinary Boards are outlined in Appendix A, which is attached to this expression of interest.

4. Conditions

(i) interested persons may apply for inclusion both in the SSP and SDP, and may serve concurrently on the SSP and SDP;

(ii) appointment on SSP and SDP will be effective for a period of twenty-four months, with the possibility of renewal for further terms of twelve months, subject to PSC's approval;

(iii) retired public officers who, for the last ten years before retirement served in a particular Ministry will not be considered for appointment to serve on the SDP of that same Ministry;

(iv) applications for appointment on SSPs and SDPs will be considered so long as applicants are not attached to the private offices of Ministers and Parliamentary Secretaries, are not Members of Parliament and are not Local Councillors; and

(v) persons who are selected to form part of the SSPs and SDPs will be required to attend a training programme which will focus on the current selection and disciplinary procedures pertaining to the Public Service. Persons who fail to attend for this training course will be removed from the SSPs and SDPs.

5. Remuneration

Persons who are appointed on a Selection Board/Disciplinary Board will be remunerated at an hourly rate according to the number of hours that the Board is in session *(including the preliminary meetings, the actual interviews/disciplinary sittings/ and the report-writing stage).*

The rates of pay are:-

In the case of appointment on a Selection Board:

Chairperson	€10.87 per hour
Member	€ 9.32 per hour

Fil-każ ta' ħatra fuq Bord tad-Dixxiplina:

Każ Minuri:

Chairperson	€8.54 fis-siegħa
Membru	€6.21 fis-siegħa

Każ Serju

Chairperson	€10.87 fis-siegħa
Membru	€ 9.32 fis-siegħa

6. *Rekwiżiti*

Is-sottomissjonijiet mill-applikanti interessati fir-rigward tal-*Panels* Permanenti tal-Għażla u tad-Dixxiplina għandhom jinkludu:-

(i) ċertifikat ta' kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-espressjoni ta' interess;

(ii) in-numru tal-karta tal-identità tal-applikant u d-dettalji ta' kuntatt (indirizz, numru tat-telefon, numru tat-telefon ċellulari, indirizz elettroniku);

Quot. No. FSWS/12/27. Supply of plastic cups for a period of 3 years.

Quot. No. FSWS/12/28. Provision of venue and refreshments for a day's conference.

Copies of the quotation document can be obtained from the Foundation's Head Office, 2, Triq Braille, Santa Venera or by sending a request to Mr Etienne Bonello on email: (etienne.bonello@gov.mt).

Quotations, complete with all required documents, are to be submitted in the tender box at the same Office (2, Triq Braille, Santa Venera) by not later than noon on Friday, 14th September 2012.

The quotation's title and code as stated above should be written clearly on the sealed envelope, and addressed to:

The Chief Executive Officer
Head Office
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille, St Venera, SVR 1690.

31st August 2012

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Il-Kontrollur tad-Dwana jgħarrar illi:

Mill-11.00 a.m. tat-Tnejn, 17 ta' Settembru, 2012 sal-11.00 a.m. tal-Erbgħa, 19 ta' Settembru, 2012, fid-Dwana, Ix-Xatt ta' Lascaris, Il-BeltValletta VLT 1920, jintlaqgħu offerti magħluqin għax-xiri "tale quale" u tneħħija ta' disgħa u tletin (39) lott:

1. *Sport shoes* tal-irġiel
2. *Sport shoes* tal-irġiel
3. *Sport shoes* tal-irġiel
4. Żraben tan-nisa (*new star*)
5. Ġġieket tal-irġiel
6. *Jeans* tal-irġiel
7. Oġġetti mixxellanji (aċċessorji tal-ħwejjeġ)
8. Oġġetti mixxellanji tal-*hardware* (industrijali)
9. *Jewel boxes* tal-injam
10. *Jewel boxes* tal-injam
11. *Jewel boxes* tal-injam
12. Oġġetti mixxellanji (diversi)
13. *Hand bags* tan-nisa
14. Madum taċ-ċeramika tal-kamra tal-banju u aċċessorji
15. Żraben tat-tfal (*extra magino* ġodda)
16. Żraben tat-tfal (*extra magino* ġodda)
17. Żraben tat-tfal (*extra magino* ġodda)
18. Żraben tat-tfal (*extra magino* ġodda)
19. Ħwejjeġ tan-nisa Lila
20. *Tshirts* u *shorts* għat-tfal żgħar
21. *Tshirts* u *shorts* għat-tfal żgħar
22. *Tshirts* u *shorts* għat-tfal żgħar
23. *River sport shoes*
24. Żraben tan-nisa Aida
25. Żraben tan-nisa Aida
26. Żraben tan-nisa Aida
27. Żraben tan-nisa Aida
28. Żraben tan-nisa Aida
29. Żraben tan-nisa Aida
30. *AM/FM radios*
31. *Bed spreads*
32. *Bed spreads*
33. *Sport shoes (world cup)*
34. *Mini scooters* li jaħdmu bil-gass
35. Folji tal-*perspex*
36. Zraben tan-nisa (*hit*)
37. *Sport shoes (new3)*
38. *Sport shoes (new3)*
39. Għamara tal-injam *D.I.Y.*

2. L-oġġetti kollha offruti għall-bejgħ jinsabu għall-wiri fi Newport Bonded Stores, (Auction Sales), Il-Marsa.

Il-ħinijiet tal-wiri huma kif ġej:-

Mit-Tnejn 17 sat-Tlieta 18 ta' Settembru, 2012 mit-8.00 a.m. sa nofsinhar tal-Erbgħa, 19 ta' Settembru 2012 mit-8.00 a.m. sal-11.00 a.m.

CUSTOMS DEPARTMENT

The Comptroller of Customs notifies that:

Sealed tenders for the purchase "tale quale" and removal of thirty nine (39) lots, will be received at the Custom House, Lascaris Wharf, Valletta VLT 1920, from Monday, 17th September, 2012 till 11.00 a.m. on Wednesday, 19th September, 2012:

1. Mens sport shoes
2. Mens sport shoes
3. Mens sport shoes
4. Ladies shoes (new star)
5. Mens jackets
6. Mens jeans
7. Miscellaneous goods (Clothing and accessories)
8. Micellaneous hardware (industrial)
9. Wooden jewel boxes
10. Wooden jewel boxes
11. Wooden jewel boxes
12. Micellaneous goods (various)
13. Ladies hand bags
14. Bathroom ceramic tiles and accessories
15. Children shoes (new extra magino)
16. Children shoes (new extra magino)
17. Children shoes (new extra magino)
18. Children shoes (new extra magino)
19. Lila ladies garments
20. Infants Tshirts and shorts
21. Infants Tshirts and shorts
22. Infants Tshirts and shorts
23. River sport shoes
24. Aida ladies shoes
25. Aida ladies shoes
26. Aida ladies shoes
27. Aida ladies shoes
28. Aida ladies shoes
29. Aida ladies shoes
30. AM/FM radios
31. Bed spreads
32. Bed spreads
33. Sport shoes (world cup)
34. Mini s. Cooters gas propelled
35. Perspex sheets
36. Ladies shoes (hit)
37. Sport shoes (new3)
38. Sport shoes (new3)
39. Wooden furniture D.I.Y.

2. All goods offered for sale may be viewed at Newport Bonded Stores, (Auction Sales), Marsa.

Viewing hours are as follows:-

Monday17th and Tuesday 18th, September, 2012 from 8.00 a.m. till noon and Wednesday, 19th September 2012 from 8.00 a.m. till 11.00 a.m.

3. Il-formoli tal-offerta u aktar tagħrif jinkisbu mit-Taqsima ta' Newport Bonded Stores tad-Dipartiment tad-Dwana, Il-Marsa, matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju fil-ġranet tal-wiri.

4. L-offerti għandhom jintefgħu fil-kaxxa magħluqa tal-offerti li tinsab ukoll fit-Taqsima ta' Newport Bonded Stores Dipartiment tad-Dwana, Il-Marsa, matul il-ħinijiet normali tal-uffiċċju sal-11.00 a.m. tal-Erbgħa, 19 ta' Settembru, 2012.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur tal-*Customer Services,* Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar il-Ġimgħa, it-28 ta' Settembru, 2012 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts,* Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Pjazza San Franġisk Ir-Rabat, Għawdex, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin għal:-

Kwot. Nru. D. Cust. S.Q. 45/2012. Trasport ta' anzjani li jattendu l-Università tat-Tielet Età fid-Day Centre għall-Anzjani f'Għajnsielem (Sena Akkademika 2012-2013).

Il-kwotazzjonijiet għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mit-Taqsima tal-*Accounts*, Direttorat tas-Servizzi Korporattivi, Pjazza San Franġisk Ir-Rabat, Għawdex, f'kull ġurnata tax-xogħol matul il-ħinijiet tal-uffiċċju.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

Id-Direttur, Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, jgħarraf illi:-

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tlieta, it-18 ta' Settembru 2012 fil-Ministeru għal Għawdex, Taqsima tal-*Accounts,* Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, jintlaqgħu offerti magħluqin, għal:-

Avviż Nru. TWB.12/2012. Kostruzzjoni ta' pont u xogħlijiet relatati fl-Imġarr, Għawdex, kif ordnat mid-Direttur, Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, Ministeru għal Għawdex.

Id-dokument għal din l-offerta jiswa €50.00.

L-offerti għandhom isiru fuq il-formoli preskritti li flimkien mal-kundizzjonijiet relattivi, jistgħu jinkisbu mill-fergħa tal-Agrikultura fil-Ministeru għal Għawdex,

3. Tender forms and other relevant information may be obtained from the Newport Bonded Stores Section of the Customs Department, Marsa, during normal office hours on viewing days.

4. Tenders are to be deposited in the sealed tender box, also at the Newport Bonded Stores of the Customs Department, Marsa, during normal office hours, up to 11.00 a.m. on Wednesday, 19th September 2012

31st August, 2012

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Customer Services, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed quotations will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Directorate Corporate Services, St Francis Square, Victoria, Gozo by not later than 10.00 a.m. on Friday, 28th September, 2012, for:-

Quot. No. D. Cust. S.Q. 45/2012. Transport of older persons attending the Univeristy of the Third Age at the Day Centre for Older Persons at Għajnsielem (Academic Year 2012-2013).

Quotations should be drawn out on the prescribed forms which together with the relative conditions can be obtained from the Accounts Section, Directorate Corporate Services, St Francis Square, Victoria, Gozo, on any working day during office hours.

31st August, 2012

MINISTRY FOR GOZO

The Director, Projects and Development, Ministry for Gozo, notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Ministry for Gozo, Accounts Section, Department of Corporate Services, by not later than 10.00 a.m. on Tuesday, 18th September 2012 for:-

Advt. No. TWB. 12/2012. Construction of bridge and related works at Mġarr, Gozo as directed by the Director, Department for Projects and Development, Ministry for Gozo.

This tender document costs €50.00.

Tenders should be drawn out on the prescribed forms which, together with the relative conditions, can be obtained from the Ministry for Gozo, Agriculture Department, St

Pjazza San Franġisk, Ir-Rabat, Għawdex bejn it-8.00 a.m. u l-11.00 a.m., f'kull ġurnata tax-xogħol, kif ukoll min fuq il-*website* tal-Ministeru: (http://www.gozo.gov.mt/GozoPortal/procurement/quotations.aspx).

Il-31 ta' Awwissu, 2012

KUNSILL LOKALI IL-MARSA

Il-Kunsill Lokali Marsa jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, l-14 ta' Settembru 2012, is-Segretarju Eżekuttiv jilqa' offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. KLM 04/12. Xogħlijiet tal-injam/*stainless steel* fl-Uffiċini l-Ġodda Proposti tal-Kunsill Lokali.

Għandu jitħallas dritt ta' €105.00 għal kull dokument tal-offerta.

Id-dettalji kollha jinsabu fid-dokumenti relatati li jinġabru mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

KUNSILL LOKALI PEMBROKE

Il-Kunsill Lokali Pembroke jgħarraf illi:

Sal-10.00 a.m. ta' nhar it-Tnejn l-1 ta' Ottubru 2012, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill jintlaqgħu offerti magħluqin u ssiġillati għal:

Avviż. Nru. 01/2012. Żamma u manutenzjoni ta' *parks* u ġonna.

Għandu jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

L-offerti kollha għandhom jintbagħtu f'envelop magħluq. Formoli u aktar tagħrif jista' jinkiseb mill-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Pembroke li jinsab fi Triq Alamein, Pembroke, waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju. L-offerti kollha jinfetħu fil-pubbliku wara l-ħin stipulat tal-għeluq. Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta jew parti minnha, anki l-aktar offerta vantaġġuża.

Aktar dettalji jinkisbu mis-Segretarju Eżekuttiv fuq: 2137 2111.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

Francis Square, Victoria, Gozo, from 8.00 a.m. till 11.00 a.m. or downloaded from the Ministry's website: (http://www.gozo.gov.mt/GozoPortal/procurement/quotations.aspx).

31st August, 2012

MARSA LOCAL COUNCIL

The Marsa Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received by the Executive Secretary up to noon on Friday, 14th September 2012, for:-

Advt. No. KLM 04/12. Joinery/stainless steel works at the New Proposed Local Council's Offices.

A fee of €105.00 will be charged for each tender document.

Full details can be found in the related documents which can be obtained from the Council's Office.

The Council reserves the right to refuse the most advantageous.

31st August, 2012

PEMBROKE LOCAL COUNCIL

The Pembroke Local Council notifies that:

Sealed tenders will be received at the Council Administrative Office up to 10.00 a.m. on Monday 1st October 2012 for:-

Advt. No. 01/2012. Upkeeping and maintenance of parks and gardens.

A fee of €100.00 has to be paid for every tender document.

All offers are to be submitted by hand and in sealed envelopes. Forms and further information may be obtained from the Administrative Office of Pembroke Local Council, Alamein Road, Pembroke, during office hours. Offers will be opened in public after the closing time stipulated. The Pembroke Local Council reserves the right to reject any offer or part there of, even the most advantageous.

Further details are obtained from the Executive Secretary on: 2137 2111.

31st August, 2012

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi:-

Sa nofsinhar ta' nhar l-Erbgħa, it-3 ta' Ottubru 2012 fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali jintlaqgħu offerti magħluqin għal:-

Avviż Nru. 07/2012. Tindif u manutenzjoni tal-ġonna pubbliċi f'Ta' Sannat.

Id-dokumenti għal offerti jistgħu jinkisbu mill-Uffiċċju tal-Kunsill mit-Tnejn sal-Ġimgħa waqt il-ħinijiet tal-uffiċċju għal ħlas ta' €25.00 għal kull dokument.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirrifjuta kull offerta, anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Il-31 ta' Awwissu, 2012

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

The Ta' Sannat Local Council notifies that:-

Sealed tenders will be received at the Local Council's office up to noon on Wednesday, 3rd October 2012, for:-

Advt. No. 07/2012. Cleaning and maintenance of parks and gardens in Ta' Sannat.

Tender documents may be collected from the Council's Administrative Office from Monday to Friday during office hours against a payment of €25.00 for each document.

The Council reserves the right to refuse all tenders, even the most advantageous.

31st August, 2012

KUNSILL LOKALI
SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi:

Sa nofsinhar tal-Ġimgħa 14 ta' Settembru 2012, jintlaqgħu kwotazzjonijiet magħluqin fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill għal dawn is-servizzi:

SPBLC-Q-11-2012. Servizz ta' *works manager* f'Burmarrad u l-Wardija

SPBLC-Q-12-2012. Servizz ta' *works manager* fix-Xemxija, L-Imbordin, L-Imselliet, San Martin u parti mill-Bidnija

SPBLC-Q-13-2012. Servizz ta' *works manager* f'San Pawl il-Baħar

SPBLC-Q-14-2012. Servizz ta' *works manager* f'Buġibba u l-Qawra.

Aktar dettalji jistgħu jinkisbu mill-Kunsill Lokali permezz tat-telefon 21585888, 21570869/70 jew bl-*email* (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

Il-31 ta' Awwissu, 2012

SAN PAWL IL-BAĦAR
LOCAL COUNCIL

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that:

Sealed quotations will be received at the Council Administrative Office up to noon on Friday 14th September 2012 for:-

SPBLC-Q-11-2012. Service of works manager in Burmarrad and Wardija

SPBLC-Q-12-2012. Service of works manager in Xemxija, L-Imbordin, L-Imselliet, San Martin and part of Bidnija

SPBLC-Q-13-2012. Service of works manager in San Pawl il-Baħar

SPBLC-Q-14-2012. Service of works manager in Buġibba and Qawra.

Further information may be obtained from the Local Council on 2158 5888, 2157 0869/70 or via email at (sanpawlil-bahar.lc@gov.mt).

31st August, 2012

AVVIŻI TAL-QORTI - *COURT NOTICES*

1445

Permezz ta' digriet mogħti fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-21 ta' Mejju 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 346/12, fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited vs Costantino Felice, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Costantino Felice ta' Għenqba Farmhouse, Triq l-Imdina, Qormi u/jew Flat 13, Block 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi, fil-1 ta' Frar 2012, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) għan-nom u in rappreżentanża tas-soċjetà estera Argus Insurance Company (Europe) Limited ta' La Concorde, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex, filwaqt illi tagħmel referenża għall-inċident awtomobilistiku illi seħħ fl-24 ta' Lulju 2011 ġewwa Triq il-Ġarakol, Santa Luċija, illi inti kont involut fih bil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni ABQ 262, minnek assigurata mal-mittenti, u għall-fatt illi inti inqast illi tirreġistra claim in konnessjoni mal-istess kif kont obbligat illi tagħmel kemm ai termini tal-Ligi kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva, tinformak għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi illi jidher kjarament illi inti kont taħti għall-akkadut, ugwalment flimkien ma' Josephine Pace, ossija s-sewwieq tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni DBJ 068 hija feħsiebha tħallas lit-terzi involuti, u cioe Citadel Insurance plc u l-imsemmi Joseph Pace nofs l-ammont ta' danni minnhom reklamat malli jiġu ppreżentati d-dokumentazzjoni u r-riċevuti relattivi.

Il-mittenti tinformak illi f'kaz illi inti topponi tali pagament, hija xorta waħda tista' tigi obbligata illi teffettwa l-istess pagament skont il-Liġi (Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara tipproċedi b'kawża kontra tiegħek għall-ħlas tal-ammonti kollha illi jkunu ġew minnha hekk sborsati, u dana oltre għall-ispejjeż legali u ġudizzjarji u l-interessi skont il-Liġi.

Fl-aħħar nett, mingħajr preġudizzju għal dak kollu fuq premess, il-mittenti tinterpellak sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tottempera ruhek mal-kundizzjonijiet tal-polza relattiva, u tħallasha l-ammont minnek dovut in linea ta' excess payment in konnessjoni ma' dan l-istess inċident.

Din l-ittra qiegħda tintbagħat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi, u senjatament ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u interessi legali.

Reġistru Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 24 ta' Awwissu 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree given on the 21st May 2012, in the records of the judicial letter number 346/12, in the names Fogg Insurance Agencies Limited vs Costantino Felice, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Court of Magistrates (Malta) against Costantino Felice of Għenqba Farmhouse, Triq l-Imdina, Qormi and/or Flat 13, Block 2, Triq id-Deheb Fin, Qormi, on the 1st February 2012, Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) for and on behalf of the foreign company Argus Insurance Company (Europe) Limited of La Concorde, Abate Rigord Street, Ta'Xbiex, whilst referring to the car accident which occured on the 24th July 2011 in Triq il-Garakol, Santa Lucia, and in which you were involved in whilst driving vehicle bearing registration number ABQ 262, insured by you with our company, and to the fact that you failed to register a claim in connection with the same as you where obliged to do both in terms of law and in terms of the relative insurance policy, informs you for all effects and purposes of law that given that you were clearly to blame for this accident, equally together with Josephine Pace, and also the driver of the vehicle with registration number DBJ 068 it intends to pay the third parties that is Citadel Insurance p.l.c. and the said Joseph Pace half the amount of damages suffered by them, as soon as the documents and the relative receipts are provided.

The interpellant informs you that if you oppose such payment, it may still be obliged to effect the same on your behalf in terms of Law (Chapter 104 of the Laws of Malta) and then institute proceedings against you for the payment of all amounts that it may be obliged to pay on your behalf, together with all legal and judicial fees and interests according to Law.

Finally, without prejudice for the above mentioned, the interpellant calls upon you so that within three (3) days you abide yourself with the conditions of the relative insurance policy and you pay the sum due by you as excess payment in connection with the same accident.

This judicial letter is being made for all effects and purposes of Law, and particularly in terms of Chapter 104 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs and legal interest.

Registry of the Court of Magistrates (Malta) today 24th August 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1446

Permezz ta' digriet mogħti fil-31 ta' Jannar 2011, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 655/10, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxi Interni vs Anthony Compagno, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Anthony Compagno (KI 63763 M) ta' Coral Reef, 136D, Triq il-Baħrija, Żabbar and/or 16, Maria Bambina, Triq il-Karmnu, Fgura, fit-18 ta' Frar 2010, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ta' 46, Triq il-Merkanti, Valletta, qed għall-fini tal-Artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Procedura Ċivili jinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata Dok A u jinterpellak sabiex fi żmien għaxart ijiem tħallas is-somma ta' €372.70 dovuta minnek bħala likwidazzjoni finali u konklussiva ta' taxxa fuq dokumenti u trasferimenti ai termini tal-Artikolu 60 tal-Kap. 364 hawn annessa u mmarkata Dok B.

Fin-nuqqas ta' ħlas jew ta' oppożizzjoni da parti tiegħek skont l-imsemmi Artikolu 466 l-esponenti jgħaddi għall-ħrug ta' mandati eżekuttivi kontra tiegħek skont il-liġi.

Ħallas ukoll l-ispejjeż ta' dan l-att.

Registru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 24 ta' Awwissu 2012

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that the Court of Magistrates (Malta) by means of a decree on the 31st January 2011, in the records of the judicial letter number 655/10, in the names Commissioner of Inland Revenue vs Anthony Compagno, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Anthony Compagno (K.I. 63763M) of Coral Reef, 136D, Triq il-Baħrija, Żabbar and/or 16, Maria Bambina, Triq il-Karmnu, Fgura, on the 18th February 2010, the Commisssioner of Inland Revenue of 46, Merchants Street, Valletta, for the purposes of Article 466 of the Code of Organisation and Civil Procedure notifies you with the annexxed sworn declaration Dok A and calls upon you so that within ten days you pay the sum of €372.70 as the final tax liquidated and due on documents and transfers in terms of Article 60 of Cap. 364 here annexxed and marked as Dok B.

If you fail to pay or make opposition on your part as per Article 466, the interpellant shall request the issue of executive warrants against you according to law.

Pay also the costs of this act.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 24th August 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1447

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fit-13 ta' Frar 2012, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc ġie ordnat biex jintgħażlu Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lil-assenti Irina Sedova fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 99/12,fl-ismijiet HSBC Bank Malta plc vs Kuraturi Deputati, u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ittra uffiċjali, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-16 ta' Jannar 2012,fl-ismnijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrapreżentaw lill-assenti Sedova Irina (Passaport Numru IT AA9402955), fis-16 ta' Jannar 2012, lil Sedova Irina (Passaport IT AA 9402955) Apartment 1861, Portomaso,

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 13th February 2012, following a request of HSBC Bank Malta p.l.c. it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the absent Irina Sedova, in the records of the judicial letter number 99/12, in the names 'HSBC Bank plc vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Judicial Letter filed in the First Hall Civil Court, on the 16th January 2012, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) against Deputy Curators appointed to represent the absent Sedova Irina (Passport Number IT AA 9402955) on the 16th January 2012 against Sedova Irina (Passport IT AA9402955) Apartment 1861, Portomaso , St.

San Giljan, is-soċjeta' HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) ta' 32,Merchants Street,Valletta,

1. Iġġib a formali konjizzjoni tiegħek il-fatt li fil-ġurnata tal-4 ta' Jannar 2012, inti tinsab moruża fil-pagamenti ta' self lilek mogħti in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia, datat 6 ta' Lulju 2010, fl-ammont ta' (€17,624.12). Din is-somma ta' arretrati tiżdied b' (€4,342.78) u tinfurmak illi ai termini ta' l-istess kuntratt inti titlef il-benefiċċju tat-terminu mogħti lilek u l-bilanċ ta' (€871,398.54) oltre, l-imgħaxijiet ulterjuri, jekk ma ġġibx il-pagamenti arretrati in regola fi żmien ħmistax (15)-il ġurnata mid-data tan-notifika .

2. Tinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' (€2,636.78) dovuta minnek fuq il-kont bin- numru 4568 8212 1248 6406 liema somma ġiet debitament mogħtija lilek fuq faċilità ta' VISA Card mill-Bank mittent u aċċettat minnek, oltre l-imgħaxijiet ulterjuri bir-rata ta' 8% fis-sena, fuq is-somma kapitali, mis-7 ta' Dicembru 2011, sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra sservi ukoll biex tinterrompi il-preskrizzjoni u għalhekk hija rikjesta mil-Liġi ai termini tal-Artikolu 2128 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

Tant biex tagħrfu tirregolaw ruhkom.

Bl-ispejjeż.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-dahla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b' dan lil kull min jrid jidħol bhala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f' dan ir-Reġistru u jagħmel b' nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidhol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Joseph Azzopardi, LL.D. Duttur tal-Liġi.

Illum 13 ta' Frar 2012.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 27 ta'Awwissu 2012.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Julian's, the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) of 32, Merchants Street, Valletta,

1.Brings to your formal notice the fact that on the day of the 4th January 2012, you are in delay in the payments of loan given to you in virtue of a contract in the records of Notary Dr Elena Farrugia, dated 6th July 2010, in the amount of (€17,624.12). To This sum of arrears the sum of (€4,342.78) is added and you are informed that in terms of the same contract you loose the benefit of time given to you and the balance of (€871,398.54) besides, further interest, if you do not bring the arrears up to date within fifteen days (15) from the date of service.

2. Calls upon you so that within two days you pay the sum of (€2,636.78) due by you on the account number 4568 8212 1248 6406 which sum was duly given to you on VISA CARD facility by interpellant Bank and accepted by you, besides further interest at the rate of 8% yearly, on the global sum, from the 7th December 2011, till the date of effective payment.

This letter serves to interrupt prescription and is thus required by law in terms of Article 2128 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta).

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you ahould encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall,above mentioned,with the witness of the Hon. Mr. Justice Joseph Azzopardi, LLD. Doctor of Law.

Today 13th February 2012.

Registry of the Superior Courts, today 27th August 2012.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1448

B'digriet mogħti, fit-12 ta' Ġunju 2012, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 925/12, fl-ismijiet Raymond Brincat vs Doris Brincat, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati Doris Brincat, Nicholas Brincat, Robert Brincat u Pamela Camilleri, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

llum 21 ta' Marzu 2012.

Lil: 1. Doris Brincat-Hendo Ville, Triq il-Kardinal Cardyn, Balzan.

2.Edgar Brincat-Eder Ville, Triq ix-Xgħir, Attard.

3.Louis Brincat-Tesside, 37, Triq Dun Ġwann Zammit Hemmet, Balzan.

4. Joseph Brincat-22, Triq Mons Alfred Mifsud, Birkirkara.

5. Rita Micallef-Sundrive, Flat 2, Triq id-Dwieli, San Pawl il-Baħar.

6.Nicholas Brincat-Colette, Triq San Luigi, Msida.

7. Kevin Brincat - Melchan, Triq Dun Karm, Birkirkara.

8. Robert Brincat-2, St. Mary, Flat 2, Triq l-Empire Stadium, Gżira.

9. Pamela Camilleri- Bjopam, Triq il-Kbira, Lija.

Permezz tal-prezenti Raymond Brincat (detentur tal-karta tal-identità numru 6858(M) ta' 110, Flat 5, St. Christopher Street, Valletta, jagħmel referenza għas-suċċessjoni tad-defunt Henry Brincat, illi miet nhar il-25 ta' Jannar 2004 u jinterpellakom sabiex fi żmien tlett (3) ijiem tersqu għal-likwidazzjoni tal-assi ereditarji tal-imsemmi defunt Henry Brincat, u konsegwentement tħallsu lill-mittenti l-porzjoni riżervata lilu ai termini tal-aħħar testment tad-defunt Henry Brincat, datat 7 ta' Mejju 2003, fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pullicino.

F'każ illi t-terminu lilkom mogħti jgħaddi inutilment, il-mittenti ma jkollu ebda alternattiva għajr illi jipproċedi ġudizzjarjament fil-konfront tagħkom bil-mezzi kollha illi trid il-Liġi.

Dina l-ittra qiegħda tintbaghat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi u senjatament għalkemm mhux limitatament ai termini tal-Kap. 12 u 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant sabiex tagħrfu tirregolaw ruħkom u sabiex jiġu evitati spejjeż u proċeduri inutili.

Bl-ispejjeż.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 29 ta' Awwissu 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
Għar-Registratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given, on the 12th June 2012,in the records of the judicial letter number 925/12, in the names Raymond Brincat vs Doris Brincat, the First Hall Civil Court, ordered the following publication for the purpose of service of the respondents, Doris Brincat, Nicholas Brincat, Robert Brincat and Pamela Camilleri, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall Civil Court

Today 21st March 2012.

To: 1. Doris Brincat-Hendo Ville, Triq il-Kardinal Cardyn, Balzan.

2. Edgar Brincat –Eder Ville, Triq ix-Xgħir, Attard.

3. Louis Brincat-Tesside, 37, Triq Dun Ġwann Zammit Hemmet, Balzan.

4. Joseph Brincat-22, Triq Mons Alfred Mifsud, Birkirkara.

5. Rita Micallef –Sundrive-Flat 2, Triq id-Dwieli, San Pawl-il-Bahar.

6. Nicholas Brincat-Colette, Triq San Luigi, Msida.

7. Kevin Brincat-Melchan, Triq Dun Karm, Birkirkara.

8. Robert Brincat-2, St. Mary, Flat 2, Triq l-Empire Stadium, Gżira.

9. Pamela Camilleri-Bjopam, Triq il-Kbira, Lija.

By the present, Raymond Brincat (holder of identity card number 6858(M) of 110, Flat 5, St. Christopher Street, Valletta, refers to the succession of the deceased Henry Brincat, who died, on the 25th January 2004 and calls upon you so that within three (3) days you come forward to the liquidation of the hereditary assets of the said deceased Henry Brincat and consequently pay the interpellant, the reserved portion reserved to him in terms of the last will of the deceased Henry Brincat, dated 7th May 2003, in the records of Notary Dr. Paul Pullicino.

In case the term granted to you uselessly passes, the interpellant shall have no alternative but to proceed judicially against you with all the means contemplated by Law.

This letter is being sent for all intents and purpose of Law and especially but not limitedly in terms of Chapter 12 and 16 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to regulate yourselves and to avoid unecessary expenses and procedures.

With costs.

Registry of the Superior Courts, today 29th August 2012.

AVV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1449

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM'AWLA fit-8 ta' Awwissu 2012, fuq rikors ta' SANT FOURNIER SANDRA ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Ottubru, 2012 fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FIL-KURITURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru tmienja (8) fit-tielet sular fi blokka msejħa "Highclere Court", fi Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Baħar, soġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' wieħed u tmenin ewro u tlieta u ħamsin ċenteżmu (€81.53), mill-bqija liberu u frank, stmat li jiswa mija u ħamsa u disgħin elf ewro (€195,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' SAMMUT JASON.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 29/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 28 ta' Awwissu, 2012.

KEVIN CARUANA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 8th August 2012, on the application of SANT FOURNIER SANDRA, Thursday, 18th October, 2012 at half past eleven in the morning (11.30 a.m.) has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held IN THE CORRIDORS OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

Apartment internally marked number eight (8) in the third floor of a block named "Highclere Court", in Triq Raddet ir-Roti, St. Paul's Bay, subject to the annual and perpetual ground rent of eighty-one euro and fifty-three cents (€81.53), otherwise free and unencumbered, valued at one hundred and ninety-five thousand euro (€195,000).

The said tenement is the property of SAMMUT JASON.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of file number 29/12.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 28th August, 2012.

KEVIN CARUANA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1450

AVVIŻ MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi r-rikorrenti Vanessa Buhagiar (K.I. 72981(M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 187/12 AL) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID tal-minuri Jaden bin-numru 2617/2012 fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 27 ta' Awwissu, 2012

RITA MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE FROM REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas the plaintiff Vanessa Buhagiar (I.D. 72981(M) filed an application under oath (No. 187/12 AL) demanding CORRECTIONS the ACT OF BIRTH of the minor Jaden number 2617/2012 in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court, this 27th August, 2012

RITA MANGION
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

1451

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tad-9 ta' Lulju 2012 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) ta' Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara, ippreżentaw Talba, fid-9 ta' Mejju 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Glorianne Spiteri (K.I. 0031493M) ta' Bayview, Fl 3, Triq il-Bajja, San Ġiljan, sabiex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €548.10 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 350/12VG2) hija differita għas-17 ta' Settembru 2012 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Awwissu 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of 9th July 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited (C-10865) of Vodafone House, Imsida Valley Road, Birkirkara filed a Claim on the 9th May 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn Glorianne Spiteri (I.D. 0031493M) of Bayview, Fl 3, Triq il-Bajja, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €548.10 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 350/12VG2) is put off on the 17th September 2012 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th August 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1452

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tal-21 ta' Awwissu, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-Artikolu 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment preżentati minn Lombard Bank Malta p.l.c., fit-23 ta' Lulju 2012, qed tintalab tpaċija tal-ammont ta' €168,000, prezz minnhom offert fil-bejgħ bl-irkant 9/2012 (JD) fl-ismijiet Lombard Bank Malta p.l.c. vs Susan Mary Senior, miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fis-16 ta' Lulju 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitolu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri, illum 28 ta' Awwissu 2012.

JACLYN MAGRIN
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by a decree of the 21st August 2012, given by the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 338(1) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Lombard Bank Malta p.l.c., on the 23rd July 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €168,000 following the judicial sale by auction 9/2012 (JD) in the names Lombard Bank Malta p.l.c. vs Susan Mary Senior, held under the Authority of the said Court on the 16th July 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Courts of Magistrate (Gozo), Superior Jurisdiction, this 28th August 2012.

JACLYN MAGRIN
For the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1453

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-23 ta' Mejju 2012, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-5 ta' Marzu 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil England James Edward (K.I. 37706A) ta' Entratura E, Flat 6, Triq Ġuzè Ellul Mercer, Msida, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €378.27 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (Avviż Nru 165/12VG2) hija differita għat-18 ta' Settembru 2012 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illum 28 ta' Awwissu 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 23rd May 2012, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 5th March 2012 whereby they asked the Tribunal to condemn England James Edward (I.D. 37706A) of Entratura E, Flat 6, Triq Ġuzè Ellul Mercer, Msida, to pay the plaintiff company the sum of €378.27 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 165/12VG2) is put off on the 18th September 2012 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 28th August 2012.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1454

AVVIŻ
MIR-REĠISTRU
QORTI ĊIVILI (SEZZJONI FAMILJA)

Billi Rita Galea (K.I. 609781M) ippreżentat rikors ġuramentat (Nru. 185/12 RGM) fejn talbet il-KORREZZJONI TAL-ATT TAT-TWELID, li jġib in-numru 2892/2012, fir-Reġistru Pubbliku.

Kull min jidhirlu li għandu interess u jrid jopponi dik it-talba, b'dan l-avviż huwa msejjaħ sabiex ifisser il-fehma tiegħu, b'nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' dawn il-Qrati fi żmien ħmistax-il ġurnata mill-ħruġ ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk illi, fiż-żmien fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu notifikati b'kopja tar-rikors ġuramentat hawn fuq imsemmi bil-ġurnata li tingħata għas-smigħ tal-kawża.

B'ordni tal-Qorti,

Reġistru tal-Qorti Superjuri,
Illum 28 ta' Awwissu 2012

BRUNO ZAHRA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

NOTICE
REGISTRY OF THE
CIVIL COURT (FAMILY SECTION)

Whereas Rita Galea (I.D. 609781M) filed an application under oath (No. 185/12 RGM) demanding CORRECTION in the ACT OF BIRTH, with number 2892/2012, in the Public Registry.

Whosoever may have an interest therein, and wishes to oppose that demand, is hereby called upon to do so, by means of a note to be filed in the Registry of these Courts, within fifteen days from the day of the publication of this present notice in the Government Gazette.

Those who, within the aforesaid time, shall have filed such note, shall be notified by the service of a copy of the said application under oath, of the day which will be appointed for the hearing of the case.

By order of the Court,

Registry of the Superior Court,
Today 28th August 2012

BRUNO ZAHRA
For Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*